ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 198

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

23 ta’ Lulju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 695/2013 tal-15 ta’ Lulju 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jħassar l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta’ twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) u reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009** 1

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 696/2013 tat-22 ta’ Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** 22

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 697/2013 tat-22 ta’ Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ........ 28

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 698/2013 tad-19 ta’ Lulju 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni** ........ 35

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 699/2013 tad-19 ta’ Lulju 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta’ ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........ 36

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 700/2013 tat-22 ta’ Lulju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex ........ 38

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtá tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom** ................ 40

2013/392/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 li tistabbilixxi d-data tal-effettività tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra** 45

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/393/PESK tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2013/382/PESK li testendi l-mandat tar- Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan** ................ 47

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/394/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-kumitat tal-istatiska tal-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera tat-12 ta' Ġunju 2013 li tissostitwixxi l-Anness A tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika** ................ 48

---

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta'** ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 695/2013

## tal-15 ta' Lulju 2013

## li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jħassar l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) u reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2), (3) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. IL-PROĊEDURA

### 1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 452/2007 [2], il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi li jvarjaw bejn 9,9 % u 38,1 % fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("PRC" jew "iċ-Ċina") u l-Ukraina; permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1243/2010 [3], il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija ta' Since Hardware (Guangzhou) Co., Ltd., produttur esportatur Ċiniż, wara investigazzjoni ġdida skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku (l-"investigazzjonijiet oriġinali").

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 270/2010 [4], il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija ta' Guangzhou Power Team Houseware Co. Ltd., produttur esportatur Ċiniż tat-twavel għall-mogħdija.

(3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 580/2010 [5], il-Kunsill emenda d-dazju anti-dumping definittiv fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina għal 7 %, wara reviżjoni interim pazjali limitata fl-iskop għal dumping skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(4) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 77/2010 [6], il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija ta' Greenwood Houseware (Zhuhai) Ltd Co, produttur esportatur Ċiniż ta' twavel għall-mogħdija, wara reviżjoni ta' esportatur ġdid skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

(5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 805/2010 [7], il-Kunsill reġa' impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija ta' Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd, Foshan, produttur esportatur Ċiniż ta' twavel għall-mogħdija, bħala miżura għall-konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-141/08 P [8].

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 109, 26.4.2007, p. 12.
[3] ĠU L 338, 22.12.2010, p. 10.
[4] ĠU L 84, 31.3.2010, p. 13.
[5] ĠU L 168, 2.7.2010, p. 12.
[6] ĠU L 24, 28.1.2010, p. 24.
[7] ĠU L 242, 15.09.2010, p. 1.
[8] ĠU 2009/C 282/16

(6) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 987/2012 ([1]), il-Kunsill reġa' impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, manifatturati minn Zhejiang Harmonic Hardware Products Co. Ltd. bħala miżura għall-konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża T-274/07 ([2]).

(7) Minn hawn 'il quddiem l-investigazzjonijiet ta' hawn fuq ser jissejħu wkoll bħala "l-investigazzjonijiet preċedenti".

## 2. It-talbiet għal reviżjoni

### 2.1. *Ir-reviżjoni tal-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-Ukraina u l-PRC*

(8) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza fil-qrib ([3]) tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ, fil-25 ta' Jannar 2012 il-Kummissjoni rċiviet talba għat-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(9) It-talba ġiet ippreżentata minn tliet produtturi mill-Unjoni li jirrappreżentaw sehem qawwi, f'dan il-każ iktar minn 40 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' twavel għall-mogħdija "(l-applikanti tar-reviżjoni ta' skadenza").

(10) It-talba għar-reviżjoni tal-iskadenza kienet relatata mal-pajjiżi kollha li bħalissa huma koperti mill-miżuri fis-seħħ, jiġifieri l-PRC u l-Ukraina, u kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li tirriżulta f'issoktar tad-dumping u d-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(11) Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv li matulha ddeterminat li kien hemm biżżejjed evidenza għat-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza, fil-25 ta' April 2012 il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([4]) ("avviż ta' tnedija rigward ir-reviżjoni tal-iskadenza").

### 2.2. *Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-Ukraina fir-rigward tal-uniku produttur esportatur fl-Ukrania*

(12) Fis-17 ta' Marzu 2012 il-Kummissjoni rċiviet talba għall-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, limitata fl-iskop għal dumping, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba ġiet ippreżentata minn Eurogold Industries Ltd., l-uniku produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina ("l-applikant tar-reviżjoni interim").

(13) Skont l-applikant tar-reviżjoni interim, iċ-ċirkustanzi li fuq il-bażi tagħhom ġew stabbiliti l-miżuri kienu nbidlu u dawn il-bidliet kienu tal-għamla dejjiema. Fuq il-bażi ta' dawn il-bidliet, kien allegat li l-miżuri anti-dumping eżistenti ma baqgħux meħtieġa biex jiġi kkumpensat id-dumping.

(14) Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv li matulha sabet li kien hemm biżżejjed evidenza għat-tnedija tar-reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni nediet din ir-reviżjoni fit-12 ta' Ġunju 2012 ([5]) ("avviż ta' reviżjoni interim ta' tnedija").

## 3. L-investigazzjoni

### 3.1. *Ir-reviżjoni tal-iskadenza*

(a) Il-perjodi ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat fl-investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza

(15) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu għar-reviżjoni tal-iskadenza kopriet il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ('il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza' jew 'ERIP'). L-eżami tax-xejriet fil-kuntest tal-analiżi tad-dannu kopra l-perjodu bejn Jannar 2008 sa tmiem l-ERIP (il-'perjodu meqjus').

(b) Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni u t-teħid ta' kampjuni

(16) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali lill-applikanti, produtturi oħrajn magħrufin fl-Unjoni, produtturi esportaturi, importaturi, utenti fl-Unjoni magħrufin li huma kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi ikkonċernat bit-tnedija tar-reviżjoni tal-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jiddikjaraw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u sabiex jitolbu smigħ fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' tnedija rigward l-iskadenza. Il-partijiet interessati kollha, li talbu hekk u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw din l-opportunità.

(17) Fir-rigward tan-numru li mid-dehra kien kbir ta' produtturi esportaturi Ċiniżi u produtturi tal-Unjoni, it-teħid tal-kampjuni kien previst fl-avviż ta' reviżjoni ta' skadenza tal-bidu b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 297, 26.10.2012, p. 5.
([2]) ĠU C 223, 22.9.2007.
([3]) ĠU C 187, 28.6.2011, p. 21.
([4]) ĠU C 120, 25.4.2012, p. 9.
([5]) ĠU C 166, 12.6.2012, p. 3.

(18) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi dwar jekk ikunx hemm bżonn li jittieħdu kampjuni u, jekk iva, li jintgħażel kampjun rappreżentattiv, il-produtturi esportaturi Ċiniżi ntalbu jinnotifikaw lilhom infushom lill-Kummissjoni u li jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-avviż ta' tnedija rigward l-iskadenza. Kienu biss żewġ produtturi esportaturi fil-PRC li nnotifikaw u li pprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fl-avviż ta' tnedija rigward ir-reviżjoni tal-iskadenza. Għaldaqstant, it-teħid ta' kampjuni ma tqiesx neċessarju.

(19) L-uniku produttur esportatur Ukrain ikkoopera fir-reviżjoni interim parzjali parallela u talab sabiex id-dejta verifikata u miġbura fil-kuntest tar-reviżjoni interim jingħataw għall-fini ta' din ir-reviżjoni tal-iskadenza (ara l-premessa (31) iktar 'il quddiem).

(20) Fl-avviż ta' tnedija rigward ir-reviżjoni tal-iskadenza l-Kummissjoni ħabbret li kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Dan il-kampjun kien jikkonsisti fi tliet kumpaniji, mill-20-30 produttur tal-Unjoni stmati li kienu magħrufin qabel it-tnedija tal-investigazzjoni sabiex jipproduċu l-prodott simili. It-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun intgħażlu fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ u produzzjoni tagħhom tal-prodott simili fl-2011 kif ukoll il-post ġeografiku tagħhom fl-Unjoni. Il-kampjun kien jirrappreżenta iktar minn 40 % tal-produzzjoni u l-bejgħ totali stmat tal-Unjoni matul l-ERIP u għaldaqstant tqies li huwa rappreżentattiv. Il-partijiet interessati kienu mistiedna jikkonsultaw il-fajl u sabiex jikkummentaw fuq l-adegwatezza ta' din l-għażla fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż ta' tnedija. L-ebda parti interessata ma kkummentat fuq il-kampjun propost.

(21) Ebda importatur mhux relatat fl-Unjoni ma nnotifika lilu nnifsu u kkoopera fl-investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza.

(c) Il-kwestjonarji u l-verifika

(22) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabilità ta' ssoktar u rikorrenza tad-dumping u d-danni li jirriżultaw u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni.

(23) Il-kwestjonarji ntbagħtu kemm lill-produtturi esportaturi Ċiniżi li offrew ruħhom fl-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni. Kien biss wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkoopera u li pprovda tweġiba għall-kwestjonarju.

(24) It-tweġibiet għall-kwestjonarju daħlu mit-tliet produtturi tal-Unjoni li ġew kampjunati. Barra minn hekk, erba' produtturi tal-Unjoni f'kooperazzjoni pprovdew dejta ġenerali għall-analiżi tad-danni.

(25) Saru żjariet ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

— Il-PRC

— Greenwood Houseware (Zhuhai) Limited, Guangdong, il-PRC

— Brabantia S&S, Ħong Kong

— Produtturi tal-Unjoni

— Colombo New Scal SpA, l-Italja

— Rörets Polska Spółka z.o.o., il-Polonja

— Vale Mill (Rochdale) Ltd, ir-Renju Unit

(26) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi stabbilit valur normali għall-produtturi esportaturi fil-PRC li MET ma ġietx garantita lilhom fl-investigazzjonijiet oriġinali, saret żjara ta' notifika sabiex jiġi stabbilit il-valur normali fuq il-bażi tad-dejta minn pajjiż analogu fil-post tal-kumpanija li ġejja:

— L-Ukraina

— Eurogold Industries Ltd., Zhytomyr, l-Ukraina

(d) Id-divulgazzjoni

(27) Il-partijiet interessati kollha ġew informati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fil-PRC u sabiex tintemm l-investigazzjoni li tikkonċerna l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-Ukraina. Il-partijiet ingħataw ukoll perjodu li matulu jistgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.

3.2. *Ir-reviżjoni interim parzjali*

(a) Il-perjodu ta' investigazzjoni fl-investigazzjoni tar-reviżjoni interim

(28) Il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku rigward l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ukraina kopera l-perjodu bejn l-1 ta' April 2011 u l-31 ta' Marzu 2012 (il-'perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni interim'). Perjodu ta' investigazzjoni aktar reċenti, bħal dak użat għar-reviżjoni tal-iskadenza, ma kienx ikun konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, intuża perjodu ta' investigazzjoni simili fi proċediment parallel ta' rifużjoni.

(b) Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(29) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali lill-applikant tar-reviżjoni interim u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur ikkonċernat dwar it-tnedija tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jiddikjaraw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' tnedija ta' reviżjoni interim. Il-partijiet interessati kollha, u talbu hekk u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

(c) Il-kwestjonarji u l-verifika

(30) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għad-determinazzjoni ta' dumping tal-applikant tar-reviżjoni interim u l-ħtieġa ta' impożizzjoni ssoktata tal-miżuri.

(31) L-applikant tar-reviżjoni interim kien jirrappreżenta l-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina. Intbagħat kwestjonarju lil din il-kumpanija li kkooperat kif xieraq u pprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju. Saret żjara ta' verifika fil-bini li ġej:

— L-Ukraina

— Eurogold Industries Ltd., Zhytomyr, l-Ukraina

(d) Id-divulgazzjoni

(32) Il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti u l-kunsiderazzjoni essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tintemm l-investigazzjonijiet li tikkonċerna l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-Ukraina. Il-partijiet ingħataw ukoll perjodu li fi ħdanu setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.

## B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(33) Il-prodott soġġett kemm għar-reviżjoni tal-iskadenza kif ukoll għar-reviżjoni interim parzjali huwa l-istess bħal dak kopert mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 452/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1243/2010, jiġifieri t-twavel għall-mogħdija, kemm jekk bis-saqajn jew mingħajrhom, b'wiċċ jew le minn fejn joħroġ il-fwar u/jew is-sħana u/jew l-arja, inkluż it-twavel għall-kmiem, u partijiet essenzjali minnhom, jiġifieri s-saqajn, il-wiċċ, u fejn tisserraħ il-ħadida, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Ukraina ('il-prodott konċernat'), li bħalissa għandhom il-kodiċijiet tan-NM ex 3924 90 00, ex 4421 90 98, ex 7323 93 00, ex 7323 99 00, ex 8516 79 70 u ex 8516 90 00.

(34) L-investigazzjonijiet tar-reviżjoni attwali kkonfermaw li, bħal fl-investigazzjonijiet oriġinali, il-prodott ikkonċernat u t-twavel għall-mogħdija manifatturati u mibjugħin fis-swieq domestiċi fil-pajjiżi kkonċernati, it-twavel għall-mogħdija manifatturati u mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u dawk manifatturati u mibjugħa fis-suq tal-pajjiż analogu tal-Ukraina għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi u l-istess użi bażiċi.

(35) Għaldaqstant, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. DUMPING, IL-PROBABILITÀ TA' SSOKTAR U/JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING U L-GĦAMLA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULIN

### 1. Dumping – reviżjoni tal-iskadenza – il-PRC

1.1. *Rimarki ġenerali*

(36) Kif intqal iktar 'il fuq, wieħed biss mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kkoopera fl-investigazzjoni, li kien jirrappreżenta biss ammont negliġibbli tal-esportazzjonijiet totali mill-PRC matul l-ERIP. Għaldaqstant, is-sejbiet għal din il-kumpanija ma tqisux li jirrappreżentaw il-pajjiż.

(37) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Ċiniżi u l-produtturi esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx ġew notifikati dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku u ngħataw l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom b'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward ma daħal ebda kumment.

(38) B'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet relatati ma' dumping u l-probabilità ta' ssoktar tad-dumping stabbilit hawn taħt kellhom jiġu bbażati fuq fatti disponibbli, b'mod partikolari informazzjoni fit-talba għar-reviżjoni tal-iskadenza u l-istatistiki disponibbli għall-Kummissjoni misjuba li huma l-aktar preċiżi, jiġifieri, id-dejta ta' kull xahar trasmessa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ('il-bażi ta' dejta 14.6'). Sorsi statistiċi oħrajn bħall-bażi ta' dejtatal-esportazzjonijiet Ċiniża u Eurostat (8 ċifri) instabu li ma kinux affidabbli minħabba li l-kodiċijiet doganali rispettivi koprew prodotti oħrajn u mhux il-prodott konċernat.

1.2. *Il-valur normali*

(a) Il-pajjiż analogu

(39) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx trattament tal-ekonomija tas-suq (MET) irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet domestiċi jew valur normali mibni f'pajjiż analogu.

(40) Għal dan il-għan, fl-avviż ta' tnedija rigward ir-reviżjoni tal-iskadenza, il-Kummissjoni ssuġġeriet lill-Ukraina bħala pajjiż analogu Ukrain. L-Ukraina kienet wieħed mill-pajjiżi użati fl-investigazzjonijiet preċedenti bħala pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq bil-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tal-PRC. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw fuq l-għażla tal-pajjiż analogu previst. F'dan ir-rigward ma daħal ebda kumment.

(41) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppruvat tikseb kooperazzjoni minn pajjiżi analogi potenzjali oħrajn, fosthom il-Malasja, il-Bożnja Ħerzegovina, l-Indja, l-Iżrael u t-Turkija. L-awtoritajiet Torok biss offrew lista ta' produtturi magħrufin li jistgħu jiġu kkuntattjati, mingħajr ma indikaw jekk xi ħadd minnhom kienx lest li jikkoopera fl-investigazzjoni. Fl-istess ħin, l-uniku produttur esportatur Ukrain qabel sabiex jissottometti u tiġi verifikata d-dejta tiegħu fil-kuntest tar-reviżjoni interim parallela li għandha tintuża għall-fini tar-reviżjoni tal-iskadenza. Id-dejta hija rappreżentattiva għall-pajjiż kollu.

(42) Fid-dawl tal-fatti ta' hawn fuq u tar-rekwiżiti tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku ġie konkluż li l-Ukraina kienet pajjiż analogu xieraq.

(b) *Id-determinazzjoni tal-valur normali f'pajjiż analogu*

(43) L-uniku produttur esportatur Ukrain ma kkooperax fir-reviżjoni tal-iskadenza iżda ikkoopera fir-reviżjoni interim parzjali parallela u qiegħed id-dejta tiegħu, miġbura u verifikata fil-qafas tar-reviżjoni interim parzjali, għad-dispożizzjoni għall-fini tar-reviżjoni tal-iskadenza.

(44) Minħabba t-trikkib sinifikanti bejn il-perjodi ta' investigazzjoni tal-iskadenza u interim u peress li l-esportatur Ukrain inkwistjoni kien jirrappreżenta 100 % tal-esportazzjonijiet mill-Ukraina lejn l-Unjoni, ġie għaldaqstant stabbilit valur normali fuq il-bażi tad-dejta miġbura u verifikatafil-qafas tar-reviżjoni interim parzjali parallela (ara l-premessi (77) sa (83) hawn taħt).

1.3. *Il-prezz ta' esportazzjoni*

(45) Il-prezz ta' esportazzjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx kien ibbażat fuq il-fatti disponibbli b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. B'hekk, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-istatistiki dwar l-importazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni (jiġifieri l-bażi ta' dejta14(6)) ikkalkolat fuq bażi medja peżata.

(46) Fil-każ tal-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, il-prezzijiet ta' esportazzjoni kienu bbażati fuq il-prezz li bih il-prodotti importati inbiegħu mill-ġdid lil xerrej indipendenti, b'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

1.4. *It-tqabbil*

(47) Għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx, it-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni sar fuq bażi tal-prezz mill-fabbrika. Għall-fini ta' żgurar ta' tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet b'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fejn xieraq saru aġġustamenti fir-rigward tal-ispejjeż tal-merkanzija u t-trasport, fil-każijiet kollha fejn intwera li dawn jaffettwaw il-paragunabilità tal-prezzijiet, iddeterminati fuq il-bażi tad-dejta miġbura mill-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera.

(48) Fil-każ tal-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, it-tqabbil sar bejn il-valur normali medju peżat u l-prezz medju peżat tal-esportazzjoni stabbilit fuq il-bażi tad-dejta rrapportata u verifikata mqabbla fuq bażi tal-prezz mill-frabbrika għal kull tip ta' prodott u fl-istess livell tal-kummerċ. Għall-fini ta' żgurar ta' tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet b'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fejn xieraq saru aġġustamenti sa 5.9 % fir-rigward tal-ispejjeż tal-merkanzija u t-trasport, fil-każijiet kollha fejn intwera li dawn jaffettwaw il-paragunabilità tal-prezzijiet.

1.5. *Il-marġni tad-dumping*

(49) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping għall-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju peżat skont it-tip bil-prezz medju peżat ta' esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. Dan il-paragun indikattiv ma weriex l-eżistenza ta' dumping. Peress li l-importazzjonijiet ta' din il-kumpanija kienu jirrappreżentaw biss sehem marġinali tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali fil-volum, is-sejbiet għal din il-kumpanija ma jitqisux li jirrappreżentaw lill-PRC sħiħa.

(50) Fil-każ tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li ma kkooperawx, il-marġni tad-dumping ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju peżat mal-prezz medju peżat ta' esportazzjoni. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, it-tqabbil għal kull tip ta' prodott ma kienx possibbli. Minflok, it-tqabbil kellu jkun ibbażat fuq id-dejta statistika kif spjegat fil-premessi (44) u (45) iktar 'il fuq. It-tqabbil wera l-eżistenza ta' marġni indikattiv tad-dumping ta' 11,5 %.

1.6. *Il-probabilità ta' ssoktar tad-dumping – il-PRC*

(51) Fir-rigward tal-kooperazzjoni batuta, ma kienet disponibbli ebda informazzjoni dwar is-suq domestiku Ċiniż matul l-investigazzjoni. L-esportatur Ċiniż li kkoopera twaqqaf biex jipproduċi għas-suq tal-Unjoni biss u ma kellu ebda informazzjoni fuq is-sitwazzjoni domestika.

(52) Is-sejbiet fir-rigward tal-probabilità ta' kontinwazzjoni ta' dumping kellhom ikunu bbażati prinċipalment fuq l-informazzjoni disponibbli fit-talba ta' reviżjoni tal-iskadenza u l-informazzjoni vverifikata u ppubblikata fil-qafas tal-analiżi sunset ta' Ġunju 2010 imwettqa mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Istati Uniti ("analiżi sunset tal-Istati Uniti") ([1]) li l-Kummissjoni qieset li hija relevanti għall-għanijiet tal-investigazzjoni tagħha.

(a) Il-volum u l-prezzijiet ta' importazzjonijiet mill-PRC li huma l-oġġett ta' dumping

(53) Minkejja l-miżuri fis-seħħ u minkejja tnaqqis ta' importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu meqjus kif stabbilit iktar 'il quddiem (ara premessa (106)), dawn baqa' jkollhom sehem mis-suq importanti fis-suq tal-Unjoni ta' madwar 15-20 % matul l-ERIP, u waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni bi qrib l-20 % matul l-istess perjodu (ara l-premessa (109) iktar 'il quddiem).

(54) Minħabba s-sehem tas-suq sostanzjali u t-tnaqqis sinifikanti kontinwat fl-ERIP, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' volumi sostanzjali jkomplu jeżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitneħħew.

(b) Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-PRC

(55) Id-dejta ppubblikata fl-analiżi sunset tal-Istati Uniti turi kapaċità importanti fil-PRC li tirrappreżenta madwar 80 % tal-konsum tal-Unjoni (2009). Il-Kummissjoni ma identifikatx aktar inforazzjoni reċenti li tikkontradixxi l-informazzjoni miġbura mill-awtorità ta' investigazzjoni tal-US. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, ma setax jiġi stabbilit kemm hi l-kapaċità eżatta li ma ntużatx.

(56) Abbażi tal-informazzjoni fit-talba ta' reviżjoni tal-iskadenza, in-numru ta' produtturi eżistenti fil-PRC baqa' għoli. Għaldaqstant, ebda indikazzjoni fuq it-tnaqqis tal-kapaċità tal-produzzjoni fil-PRC ma ġie identifikat.

(57) Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni mill-analiżi sunset tal-Istati Uniti u kif ikkonfermata mis-sejbiet tar-reviżjoni tal-iskadenza attwali fir-rigward tal-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, malajr tista' tiġi installata kapaċità addizzjonali biex tissodisfa żieda fid-domanda peress li ħafna mill-produzzjoni hija bbażata fuq il-ħaddiema. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li l-produtturi li jimmanifatturaw prodotti oħrajn ukoll minbarra l-prodott ikkonċernat faċilment setgħu jibdlu bejn il-produzzjoni ta' prodotti oħrajn u l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat skont id-domanda. Għalhekk, li kieku kellu jiġi revokat id-dazju anti-dumping, il-produtturi Ċiniżi jkunu jistgħu wisq probabbli jżidu l-produzzjoni tagħhom ta' twavel għall-mogħdija relattivament malajr mingħajr ebda bżonn ta' investiment sostanzjali.

(58) Għalhekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, ġie konkluż li hemm kapaċitajiet ta' riżerva tal-inqas potenzjalment għoljin disponibbli fil-PRC, li jistgħu jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni jekk jitħallew jiskadu l-miżuri anti-dumping.

(c) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni u ta' swieq terzi oħrajn

(59) Minħabba l-kooperazzjoni batuta u n-nuqqas ta' disponibilità ta' dejta affidabbli, ma setax isir tqabbil tal-prezzijiet bejn l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u lejn swieq terzi ta' esportazzjoni oħrajn kif ukoll il-prezzijiet fis-swieq domestiċi taċ-Ċina. It-tqabbil indikattiv ibbażat fuq il-fatti disponibbli kixef twaqqigħ importanti tal-prezzijiet medji tal-Unjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi (ara l-premessa (109) iktar 'il quddiem). Għalhekk, is-suq tal-Unjoni jitqies attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi f'termini ta' prezzijiet.

(60) Barra minn hekk, fuq il-bażi tas-sejbiet tal-analiżi sunset tal-Istati Uniti, kontra liema ma nstabet l-ebda informazzjoni, jista' jitqies li bħalissa l-Unjoni hija l-ikbar suq ta' esportazzjoni għall-produtturi Ċiniżi. It-tieni l-ikbar suq ta' esportazzjoni, l-Istati Uniti, għadu magħluq għall-produtturi esportaturi Ċiniżi peress li d-dazji anti-dumping huma sostanzjali u dan l-aħħar ġew estiżi sal-2015.

(61) Is-sehem mis-suq sostanzjali u relattivament stabbli tal-importazzjonijiet Ċiniżi minkejja l-miżuri fis-seħħ jindika li l-Unjoni għadha suq attraenti ta' esportazzjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. L-għeluq tas-suq tal-Istati Uniti, it-tieni l-ikbar suq ta' esportazzjoni, juri li l-kapaċità ta' assorbiment ta' swieq terzi hija limitata. Għaldaqstant, is-suq tal-Unjoni aktarx li jkun fil-mira tal-produtturi esportaturi Ċiniżi jekk jitneħħew il-miżuri anti-dumping kontra l-PRC.

([1]) 14 Nru. 731-TA-1047 (Reviżjoni).

(d) L-imġiba fl-imgħoddi

(62) L-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-analiżi sunset tal-Istati Uniti turi li l-produtturi Ċiniżi huma ferm orjentati lejn l-esportazzjoni. Dan jidher li huwa kkonfermat b'mod parzjali mis-sejbiet tar-reviżjoni tal-iskadenza attwali fejn l-uniku produttur esportatur ma kienx attiv fis-suq domestiku Ċiniż, iżda esklussivament orjentat lejn l-esportazzjoni.

(63) L-estensjoni tal-miżuri anti-dumping mill-Istati Uniti wara l-analiżi sunset tal-Istati Uniti hija indikazzjoni li l-prattika tad-dumping tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fi swieq oħrajn tista' tiġi replikata fis-suq tal-Unjoni li kieku kellhom jitneħħew il-miżuri eżistenti.

(64) Barra minn hekk, l-imġiba ta' esportatur Ċiniż li bbenefika fl-imgħoddi minn rata ta' dazju ta' 0 % fis-suq tal-Unjoni, Since Hardware (Guangzhou) Co., tista' titqies li hija indikazzjoni b'saħħitha tal-imġiba probabbli tal-esportaturi Ċiniżi li kieku kellhom jitneħħew id-dazji. Since Hardware, waħda mill-ikbar produtturi esportaturi Ċiniżi żiedet is-sehem mis-suq tagħha fis-suq tal-Unjoni b'madwar 64 % fil-volum, b'dumping stabbilit ta' madwar 52 % u twaqqigħ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ta' 16 % ([1]). Fir-rigward tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-kapaċità disponibbli fil-PRC, din l-imġiba fl-imgħoddi tindika li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping aktarx li jerġgħu jfeġġu f'volumi sostanzjali li kieku jitneħħew il-miżuri.

1.7. *Il-konklużjoni dwar il-probabilità ta' ssoktar tad-dumping – il-PRC*

(65) Fid-dawl tas-sejbiet spjegati hawn fuq, jista' jiġi konkluż li minħabba l-kapaċità ta' produzzjoni importanti disponibbli fil-PRC, il-ħila li l-produtturi Ċiniżi jżidu malajr il-volumi ta' produzzjoni tagħhom u jallokawhom għall-esportazzjoni, il-livell importanti ta' dumping u twaqqigħ tal-prezz tat-tali esportazzjonijiet u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għat-tali esportazzjonijiet, ikun raġonevoli li jiġi supponut li tneħħija tal-miżuri tkun tirriżulta f'iktar esportazzjonijiet fil-livelli ta' twavel għall-mogħdija li huma l-oġġett ta' dumping mill-PRC lejn l-Unjoni.

## 2. **Id-dumping – reviżjoni tal-iskadenza – l-Ukraina**

2.1. *Rimarki ġenerali*

(66) Fil-każ tal-Ukraina, l-uniku produttur esportatur Ukrain magħruf ma kkooperax fir-reviżjoni interim tal-iskadenza, għaldaqstant, kellhom jintużaw il-fatti disponibbli. Minħabba t-trikkib bejn il-perjodi ta' investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza u tar-reviżjoni interim u minħabba li l-produttur esportatur Ukrain kien jirrappreżenta 100 % tal-importazzjonijiet mill-Ukraina, id-dejta miġbura u vverifikata fil-kuntest tar-reviżjoni interim intużat bħala fatti disponibbli fl-iskadenza parallela, bi qbil ma' dak il-prodottur.

2.2. *Sejbiet*

(67) Is-sejbiet tar-reviżjoni interim deskritti fis-sezzjoni 6 hawn taħt, intużaw bħala fatti disponibbli għall-għanijiet tar-reviżjoni ta' skadenza.

2.3. *Il-marġni tad-dumping*

(68) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping kien stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju peżat skont it-tip mal-prezz medju peżat ta' esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. Dan it-tqabbil ma weriex l-eżistena ta' dumping.

2.4. *Il-probabilità ta' rikorrenza tad-dumping*

(69) Fir-rigward tal-probabilità tar-rikorrenza ta' dumping, ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Ukraina, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u swieq terzi oħrajn, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità eċċessiva disponibbli għall-esportazzjonijiet tal-produttur Ukrain.

(a) Il-volum u l-prezzijiet ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Ukraina

(70) L-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina żdiedu b'24 %. Is-sehem mis-suq korrispondenti żdied ftit minn 8 % fl-2008 għal 10 % fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza.

(71) Matul il-perjodu meqjus, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet segwew l-istess xejriet bħall-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet żdiedu mill-2008 għall-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza b'14 %.

(b) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni u ta' swieq terzi oħrajn

(72) Matul il-perjodu meqjus, il-prezzijiet ta' esportazzjoni mill-Ukraina lejn pajjiżi terzi kienu ġeneralment inqas mill-prezzijiet tagħha fis-suq tal-Unjoni. Din id-differenza fil-prezz kienet aktar minn 10 % tal-livell tal-prezz ta' esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza.

(73) Il-prezzijiet ta' esportazzjoni mill-Ukraina għal pajjiżi terzi kienu ġeneralment inqas mill-prezz tal-esportazzjonijiet mill-Ukraina lejn l-Unjoni li tappoġġja l-konklużjoni li s-suq tal-Unjoni huwa attraenti peress li s-suq tal-Unjoni jista' jiġġenera profitti ogħla.

([1]) Ara l-premessi 57 u 67 tar-Regolament (UE) Nru 1243/2010.

(c) Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità eċċessiva disponibbli għall-esportazzjonijiet tal-produttur Ukrain

(74) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza, l-Ukraina kellha biss sehem żgħir tal-kapaċità ta' produzzjoni tagħha disponibbli għall-esportazzjonijiet.

(75) Skont l-informazzjoni miġbuda matul l-investigazzjoni, il-kapaċità tal-Ukraina mhijiex mistennija tiżdied iktar. Għaldaqstant, ma hemmx probabilità li l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jiżdiedu li kieku jitneħħew il-miżuri.

(d) Il-konklużjoni dwar il-probabilità ta' rikorrenza tad-dumping - l-Ukraina

(76) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, b'mod partikolari s-sejbiet dwar l-evoluzzjoni mistennija tal-kapaċità, tqies li ma hemmx probabilità li l-produttur esportatur Ukrain ser ikompli jesporta kwantitajiet dannużi bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn is-suq tal-Unjoni fil-perjodu qasir sa medju jekk jitneħħew il-miżuri.

## 3. **Dumping – reviżjoni interim – L-Ukraina**

### 3.1. *Valur normali*

(77) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk il-volum ta' bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni interim, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ irrappreżentax 5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ ta' esportazzjoni tagħhom tal-prodott konċernat lill-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-bejgħ domestiku tal-produttur Ukrain konċernat tqies li b'mod ġenerali huwa rappreżentattiv.

(78) Sussegwentament, il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi ta' prodotti li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(79) Għal kull tip ta' prodott mibjugħ mill-produttur esportatur fis-suq domestiku tiegħu u misjub li huwa identiku jew komparabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni, ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku tat-tip tal-prodott partikolari tqies li huwa rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni interim irrappreżenta għallinqas 5 % tal-volum totali tat-tip ta' prodott komparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(80) Sussegwentament ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies bħala li huwa magħmul fil-kors ordinarju tan-negozju skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku, billi jiġi stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ profitabbli tal-klijenti indipendenti fuq is-suq domestiku għal kull tip ta' prodott.

(81) Meta l-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett ugwali għal jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni kkalkolata, irrappreżenta 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz tal-bejgħ medju peżat ta' dak it-tip kien ugwali għal jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni għal kull unità, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali kkalkolat bħala l-medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip magħmul matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni interim, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profitabbli jew le.

(82) Meta l-volum tal-bejgħ profitabbli ta' tip ta' prodott irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju peżat ta' dak it-tip kien taħt il-kost ta' unità ta' produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkolat bħala l-prezz medju peżat tal-bejgħ domestiku profittabbli biss ta' dak it-tip magħmul matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni interim.

(83) Fir-rigward tat-tipi tal-prodott li ma kinux profittabbli, il-valur normali inbena skont l-Artikolu 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali inbena billi mal-kost tal-manifattura tal-produttur Ukrain matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza żdiedu l-bejgħ medju peżat, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) imġarrba fil-kors ordinarju tal-kummerċ u l-profitt medju peżat li jsir għat-tipi ta' prodotti li kienu profitabbli.

### 3.2. *Prezz ta' esportazzjoni*

(84) Minħabba li l-produttur esportatur Ukrain għamel bejgħ tal-esportazzjoni lill-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu bbażati fuq il-prezzijiet imħallsa tabilħaqq jew pagabbli għall-prodott konċernat, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

### 3.3. *Tqabbil*

(85) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu fuq bażi hekk kif hierġin mill-fabbrika. Għall-għanijiet tal-iżgurar ta' tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, sar il-provvediment dovut fil-forma ta' aġġustamenti għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti fir-rigward tat-trasport, assigurazzjoni, maniġġ u spejjeż anċillari, imballaġġ, kreditu, imposti bankarji u kummissjonijiet fil-każijiet kollha meta murija li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet.

3.4. *Marġini ta' dumping*

(86) Kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini ta' dumping ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju perżat skont it-tip bil-prezz tal-esportazzjoni medju peżat tat-tip korrespondenti tal-prodott konċernat. Dan it-tqabbil ma weriex l-eżistenza ta' dumping.

4. **Natura dewwiema taċ-ċirkostanzi mibdula – l-Ukraina**

(87) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk iċ-ċirkostanzi mibdula jistgħux jiġu raġonevolment meqjusin bħala li huma ta' natura dewwiema.

4.1. *Natura dewwiema taċ-ċirkostanzi mibdula*

(88) Il-produttur Ukrain irristruttura l-organizzazzjoni tal-bejgħ tiegħu sabiex, minn Diċembru 2010, il-bejgħ kollu tiegħu mill-esportazzjoni tal-prodott konċernat lejn l-Unjoni jkun sar direttament lill-klijent indipendenti mingħajr ma tkun involuta ebda kumpanija tal-bejgħ. Il-kalkolazzjoni tal-prezzijiet tal-esportazzjoni ġiet għalhekk aġġustatat sabiex tqis dawn iċ-ċirkostanzi l-ġodda.

(89) Dawn il-bidliet huma meqjusin li huma ta' natura dewwiema minħabba li l-kompiti mwettqa preċedentament mill-kumpanija relatata ġew trasferiti effettivament lill-produttur Ukrain għal perjodu ta' madwar sena. Ma nstabet ebda indikazzjoni li tindika għal tibdil futur possibbli fl-istruttura tal-iskali. Għaldaqstant, qiegħed jiġi konkluż li ċ-ċirkostanzi mibdulin huma ta' natura dewwiema.

D. **ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

**Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-Industrija tal-Unjoni**

(90) Il-prodott simili kien manifatturat minn madwar 20-30 produttur fl-Unjoni. Jikkositwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(91) Il-produzzjoni annwali tal-industrija tal-Unjoni kienet stmata fuq il-bażi tas-sejbiet li saru fl-investigazzjoni msemmija fil-premessa (1) iktar 'il fuq dwar l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija ta' Since Hardware (Guangzhou) Co, produttur esportatur Ċiniż ta' twavel għall-mogħdija u abbażi tad-dejta sottomessa mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw. Kif stipulat fil-premessa (65) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1243/2010 li jimponi miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-produttur esportatur imsemmi qabel, il-produzzjoni annwali tal-Unjoni ta' twavel għall-mogħdija tista' tiġi stmata għal iktar minn 5 miljun biċċa fl-2009. B'hekk, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, tqies raġonevoli li jiġi ssoponut li l-produzzjoni annwali totali tal-Unjoni kienet tammonta għal 5 miljun biċċa fil-bidu tal-perjodu meqjus tar-reviżjoni tal-iskadenza attwali (2008). L-iżvilupp tal-volum ta' produzzjoni fuq il-perjodu meqjus ġie stabbilit fuq il-bażi tax-xejriet fil-volum ta' produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw. Il-volum ta' produzzjoni tal-Unjoni li għalhekk kien stabbilit ammonta għal madwar 5,2 miljun biċċa matul l-ERIP.

(92) Kif indikat fil-premessa (20) iktar 'il fuq, intgħażlu tliet produtturi mill-Unjoni fil-kampjun li kienu jirrappreżentaw iktar minn 40 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili. Dawn il-produtturi użati fil-kampjun ipprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju.

(93) Barra minn hekk, erba' produtturi oħrajn tal-Unjoni ppreżentaw informazzjoni bażika fuq id-dejta tal-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom.

(94) Instab li s-seba' produtturi tal-Unjoni jammontaw għal iktar minn 55 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(95) Is-suq tal-Unjoni għal twavel għall-mogħdija huwa karatterizzat l-iktar minn produtturi żgħar u medji li jinsabu f'għadd ta' Stati Membri inklużi l-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit.

E. **IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI**

(96) Peress li hemm biss esportatur produttur wieħed fl-Ukraina, il-konsum tal-Unjoni u wħud mill-indikaturi makroekonomiċi huma ppreżentati f'forma jew meded indiċizzati, biex tkun protetta l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku

1. **Il-konsum tal-Unjoni**

(97) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni kif deskritt fil-premessa (100) u l-volum tal-importazzjonijiet kif irreġistrat fil-bażi ta' dejta 14(6).

(98) F'dak li għandu x'jaqsam mal-volumi tal-importazzjonijiet mill-PRC, id-dejta tal-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera ma setgħetx tintuża sabiex issir estrapolazzjoni tal-ammont totali ta' importazzjonijiet mill-PRC, għaliex dawn jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna tal-importazzjonijiet totali mill-PRC. Għaldaqstant, il-volum totali tal-importazzjonijiet kellu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Peress li l-kodiċijiet relevanti tan-NM fil-Eurostat ikopru iktar prodotti mill-prodott ikkonċernat, il-Eurostat ma tqiesx xieraq sabiex jew jistabbilixxi volumi tal-importazzjonijiet mill-PRC. B'hekk, fid-dawl tal-kooperazzjoni baxxa ħafna tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u n-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' importaturi mhux relatati, l-uniku sors statistiku affidabbli użat biex jiġu determinati l-volumi tal-importazzjonijiet kien l-informazzjoni li tinsab

fil-bażi ta' dejta 14(6). Peress li l-volumi tal-importazzjonijiet fil-bażi ta' dejta 14(6) huma madankollu rrapportati biss f'kg, id-dejta kellha tiġi konvertita f'biċċiet (unitajiet) billi tintuża r-rata ta' konverżjoni stabbilita għall-importazzjonijiet mill-Ukraina fir-reviżjoni interim parallela. Dan tqies raġonevoli peress li l-importazzjonijiet tal-kumpanija Ċiniża li kkooperat ma tqisux rappreżentattivi u barra minn hekk, kif ġie ddikjarat fil-premessa (36) iktar 'il fuq, l-Ukraina ntużat ukoll bħala pajjiż analogu għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-PRC u għaldaqstant, id-dejta tqieset rappreżentattiva għad-determinazzjoni tal-livell tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(99) Fil-każ ta' importazzjonijiet mill-Ukraina, intużat id-dejta verifikata rrapportata fit-tweġiba għall-kwestjonarju fir-reviżjoni interim parallela. Għad li l-perjodu ta' investigazzjoni interim ġie stabbilit għal bejn l-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 u għalhekk ma kienx ikopri l-ewwel trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza, instab li dik l-informazzjoni hija madankollu xierqa għad-determinazzjoni tal-volumi tal-importazzjoni. Tabilħaqq, dik l-informazzjoni ġiet ivverifikata u nstabet li hija preċiża u rappreżentattiva għad-determinazzjoni tal-volumi ta' importazzjoni mill-Ukraina fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza.

(100) Il-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni ġew stmati billi ġie estrapolat il-proporzjon bejn il-volum tal-produzzjoni totali u l-volum tal-bejgħ totali tas-seba' produtturi tal-Unjoni li kkooperaw għall-volum tal-produzzjoni totali stmat tal-industrija tal-Unjoni għal kull sena tal-perjodu meqjus.

(101) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni naqas bejn l-2008 u l-RIP bi 11 %. Fid-dettalji, id-domanda apparenti naqset b'7 punti perċentwali bejn l-2008 u l-2009, filwaqt li wara żdiedet b'9 punti perċentwali bejn l-2009 u l-2010. Matul l-ERIP, il-konsum tal-Unjoni laħaq 9 sa 10 miljun biċċa, jiġifieri tnaqqis ta' 13-il punt perċentwali meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

*Tabella 1*

| Il-volum ('000 biċċa) | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-konsum | 10 000 - 11 000 | 9 000 - 10 000 | 10 000 - 11 000 | 9 000 - 10 000 |
| L-indiċi | 100 | 93 | 102 | 89 |

*Sors*: Bażi ta' dejta 14(6), tweġibiet għall-kwestjonarju

## 2. **L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

### Il-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

(102) Fl-investigazzjoni oriġinali konkluża fl-2007, l-importazzjonijiet li oriġinaw fil-PRC u l-Ukraina ġew valutati b'mod kumulattiv b'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Wara ġie mistħarreġ jekk valutazzjoni kumulattiva kinitx xierqa fir-reviżjoni tal-iskadenza attwali.

(103) F'dan ir-rigward, instab li l-marġni tad-dumping stabbilit għall-importazzjonijiet mill-PRC kien ogħla mil-livell de minimis (11,5 %) kif definit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Ukraina, ma ġie stabbilit ebda dumping għall-ERIP u ebda probabilità ta' rikorrenza ta' dumping. Għaldaqstant, huwa propost li jitneħħew il-miżuri kontra dan il-pajjiż. Fuq dawn ir-raġunijiet, l-importazzjonijiet mill-Ukraina għandhom jiġu dekumulati mill-importazzjonijiet mill-PRC, peress li mhumiex issodisfati l-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **L-importazzjonijiet mill-PRC**

### 3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq*

(104) Kif imsemmi iktar 'il fuq fil-premessa (98), minħabba l-kooperazzjoni batuta ħafna tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-volumi tal-importazzjonijiet totali mill-PRC ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fil-bażi ta' dejta14(6) b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(105) Fuq din il-bażi, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-PRC naqsu f'termini assoluti minn 4 sa 4,5 miljun biċċa fl-2008 għal 1,5 sa 2,0 miljun biċċa fl-ERIP, li jiġifieri tnaqqis ta' 59 % matul il-perjodu meqjus. Dan it-tnaqqis inħass b'mod partikolari bejn l-2010 u l-ERIP meta l-importazzjonijiet mill-PRC naqsu minn 3 sa 3,5 miljun fl-2010 għal 1,5 sa 2,0 miljun biċċa fl-ERIP, b'36 punt perċentwali. Dan it-tnaqqis jaħbat mal-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazju anti-dumping fuq Since Hardware f'Diċembru 2010 (ara l-premessa (64) iktar 'il fuq).

(106) Filwaqt li l-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu bi 22 punt perċentwali matul il-perjodu meqjus, is-sehem mis-suq miżmum matul l-ERIP, jiġifieri 15-20 % baqa' sostanzjali.

*Tabella 2*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-volumi ta' importazzjonijiet mill-PRC soġġetti għal miżuri ('000 biċ-ċa) | 4 000 - 4 500 | 3 000 - 3 500 | 3 000 - 3 500 | 1 500 - 2 000 |
| L-indiċi | 100 | 73 | 76 | 40 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjoni-jiet mill-PRC soġġetti għal miżuri | 40 % - 45 % | 30 % - 35 % | 30 % - 35 % | 15 % - 20 % |

*Sors*: Bażi ta' dejta 14(6)

3.2. *Il-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet*

(107) Minħabba l-kooperazzjoni batuta ħafna tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-prezz medju ta' importazzjoni rigward importazzjonijiet mill-PRC kellu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-informazzjoni li hemm fil-bażi ta' dejta14(6). Informazzjoni rreġistrata fih ġew konvertiti fi prezz/biċċa wara li ntużat il-metodoloġija msemmija hawn fuq (ara l-premessa (104) iktar 'il fuq). Il-prezzijiet ta' importazzjoni stabbiliti skont dik il-metodoloġija, żdiedu minn 7,0 EUR/biċċa fl-2008 għal 8,2 EUR/biċċa matul l-ERIP, jiġifieri bi 17 %.

*Tabella 3*

| Il-prezz ta' importazzjonijiet soġġetti għal miżuri f'EUR/biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-PRC | 7,0 | 8,3 | 8,4 | 8,2 |
| L-indiċi | 100 | 119 | 121 | 117 |

*Sors*: Bażi ta' dejta 14(6)

(108) Biex jiġi determinat it-twaqqigħ tal-prezzijiet matul l-ERIP, il-prezz medju peżat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li ntalab lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal-livell tal-prezz mill-fabbrika (jiġifieri esklużi l-ispejjeż tat-trasport fl-Unjoni u wara tnaqqis tal-iskontijiet u roħs), tqabbel mal-prezz medju peżat korrispondenti tal-importazzjonijiet kif stipulat iktar 'il fuq fil-premessa (107), fuq bażi ta' CIF, bl-aġġustamenti xierqa għad-dazji tal-importazzjoni.

(109) It-tqabbil wera li, meta mogħtija bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul l-ERIP, l-importazzjonijiet mill-PRC kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi kważi 20 %.

4. **L-importazzjonijiet mill-Ukraina**

(110) Kif intqal iktar 'il fuq fil-premessa (99) il-volumi u l-prezzijiet ta' importazzjoni mill-Ukraina kienu stabbiliti fuq il-bażi tat-tweġiba verifikata għall-kwestjonarju ppreżentata mill-produttur esportatur Ukrain fir-reviżjoni interim parallela attwali.

(111) It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet mill-Ukraina matul il-perjodu meqjus f'termini ta' volum u ishma mis-suq.

*Tabella 4*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-volumi ta' importazzjonijiet mill-Ukraina soġġetti għal miżuri ('000 biċċa) | 700-900 | 800-1 000 | 900-1 100 | 900-1 100 |
| L-indiċi | 100 | 104 | 128 | 124 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Ukraina soġġetti għal miżuri | 6 % - 9 % | 7 % - 10 % | 8 % - 11 % | 9 % - 12 % |

*Sors*: Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju

(112) L-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina żdiedu b'24 % bejn l-2008 u l-2011. L-Ukraina rnexxielha żżid l-importazzjonijiet tagħha l-iktar minħabba d-dazju anti-dumping ogħla fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li oriġinaw mill-PRC. Barra minn hekk, l-emenda tad-dazju anti-dumping għall-Ukraina f'Lulju 2010 minn 9,9 % għal 7,7 % ikkontribwixxiet għal dan l-iżvilupp li renda l-importazzjonijiet tal-Ukraina iktar kompetittivi fis-suq tal-Unjoni.

(113) It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tal-prezzijiet medji CIF fil-fruntiera tal-Unjoni tal-importazzjonijiet bil-miżuri mill-Ukraina.

*Tabella 5*

| Il-prezz tal-importazzjonijiet soġġetti għal miżuri f'EUR/biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| L-Ukraina | 8 - 10 | 9 - 11 | 10 - 12 | 9 - 11 |
| L-indiċi | 100 | 110 - 115 | 115 - 120 | 110 - 115 |

*Sors*: Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju

(114) Kif muri fit-tabella 5 ta' hawn fuq, il-prezz medju ta' importazzjoni żdied b'10-15 % tul il-perjodu meqjus, u kważi laħaq il-livell tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul l-ERIP.

## 5. **L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn mhux soġġetti għal miżuri**

(115) Il-volumi ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn mhux soġġetti għal miżuri ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-bażi ta' dejta 14(6) konvertiti f'biċċiet billi ġiet segwita l-istess metodoloġija bħad-determinazzjoni tal-volumi ta' importazzjoni mill-PRC kif deskritta fil-premessa (98) iktar 'il fuq. Dan tqies raġonevoli peress li l-kodiċijiet relevanti tan-NM fil-Eurostat koprew anki prodotti oħrajn minbarra l-prodott ikkonċernat u għalhekk ma nstabux li kienu xierqa biex jiġu stabbiliti volumi ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn.

(116) It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu meqjus f'termini ta' volumi u sehem mis-suq, kif ukoll il-prezz medju ta' dawk l-importazzjonijiet.

*Tabella 6*

| Il-volumi ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn f''000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| It-Turkija | 300-500 | 500-700 | 700-900 | 800-1 000 |
| L-indiċi | 100 | 160-170 | 215-225 | 225-235 |
| Pajjiżi terzi oħrajn | 400-600 | 600-800 | 900-1 100 | 700-900 |
| L-indiċi | 100 | 130-140 | 190-200 | 150-160 |

| Il-volumi ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn f'000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| It-total tal-pajjiżi kollha l-oħrajn | 700-1 100 | 1 100-1 500 | 1 600-2 000 | 1 500-1 900 |
| L-indiċi | 100 | 140-150 | 200-210 | 180-190 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn | 5 % - 10 % | 10 % - 15 % | 15 % - 20 % | 15 % - 20 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha l-oħrajn (EUR/biċċa) | 7,7 | 8,1 | 8,2 | 9,0 |

*Sors*: Bażi ta' dejta 14(6)

(117) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied b'mod ġenerali matul il-perjodu meqjus. Filwaqt li żdied b'iktar mid-doppju bejn l-2008 u l-2010, reġa' naqas bejn l-2010 u l-ERIP. Fuq din il-bażi, il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied b'mod konsiderevoli fil-perjodu meqjus u laħaq il-1,5-1,9 miljun biċċa fl-ERIP, jiġifieri sehem mis-suq fil-medda ta' 15-20 % matul l-RIP. Ħafna minn dawn l-importazzjonijiet ġew mit-Turkija fejn l-importazzjonijiet żdiedu minn 0,3 – 0,5 miljun biċċa fl-2008 għal 0,8 – 1,0 miljun biċċa fl-ERIP.

(118) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn bla miżuri żdied minn EUR 7,7/biċċa fl-2008 għal EUR 9,0/biċċa matul l-ERIP, jiġifieri żieda ta' 17 %.

## 6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(119) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-istħarriġ tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fl-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha u ġew studjati l-indiċi li għandhom effett fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus.

(120) Kif intqal iktar 'il fuq fil-premessa (20), it-teħid ta' kampjuni ntuża biex jiġi mistħarreġ id-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(121) Għall-fini tal-analiżi tad-dannu, l-indikaturi tad-dannu ġew stabbiliti f'żewġ livelli:

— l-indikaturi makroekonomiċi (produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, produttività, volum ta' bejgħ, sehem mis-suq, tkabbir, impjiegi, u kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping fl-imgħoddi) ġew valutati fil-livell tal-produzzjoni sħiħa tal-Unjoni, stmata fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-produtturi li offrew minn jeddhom;

— l-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi (prezzijiet unitarji medji, spejjeż unitarji, stokkijiet, kost lavorattiv, profitabilità, redditu fuq l-investimenti, fluss tal-flus, ħila li jżidu l-kapital u investimenti) twettqet fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

### 6.1. *L-indikaturi makroekonomiċi*

(a) I l - p r o d u z z j o n i

(122) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni ġiet stmata kif spjegat iktar 'il fuq fil-premessa (91) Fuq din il-bażi, il-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet b'4 % bejn l-2008 u l-ERIP. B'mod iktar speċifiku, naqset bi 2 % bejn l-2008 u l-2009 iżda żdiedet b'6 punti perċentwali bejn l-2009 u l-ERIP għal madwar 5,2 miljun unità.

*Tabella 7*

| F'000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-produzzjoni | 5 000 | 4 887 | 5 072 | 5 194 |
| L-indiċi | 100 | 98 | 101 | 104 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(b) Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(123) Il-kapaċità ta' produzzjoni ġiet stmata billi ġie applikat il-proporzjon bejn il-volum totali ta' produzzjoni u l-kapaċità totali tas-seba' produtturi tal-Unjoni li kkooperaw għal kull sena tal-perjodu meqjus għall-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni kif stipulat iktar 'il fuq fil-premessa (122).

(124) Il-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bi 17 % tul il-perjodu meqjus. Madankollu, din iż-żieda hija relatata biss ma' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni filwaqt li l-produtturi l-oħrajn tal-Unjoni li kkooperaw kellhom kapaċitajiet stabbli tul il-perjodu meqjus. Is-sejbiet tal-investigazzjoni jindikaw li wħud mill-produtturi tal-Unjoni li ma kkooperawx setgħu għalqu l-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom u b'hekk naqqsu l-kapaċità totali ta' produzzjoni tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus li mhuwiex rifless fit-tabella 8 ta' hawn taħt. L-investigazzjoni wriet ukoll li l-industrija tal-Unjoni pproduċiet prodotti oħrajn minbarra l-prodott ikkonċernat (bħal dryers) parzjalment bl-istess linji ta' produzzjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni uriet li l-produtturi tal-Unjoni faċilment jistgħu jibdlu bejn il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat u prodotti oħrajn. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li tiġi stabbilita b'mod ċar il-kapaċità ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(125) L-użu tal-kapaċità kien ta' 66 % fl-2008 u naqas ftit għal 58 % matul l-ERIP. Kif indikat fil-premessa preċedenti, il-kapaċità ta' produzzjoni totali fl-Unjoni ma setgħetx tiġi stabbilita b'mod affidabbli. Peress li l-użu tal-kapaċità huwa stabbilit fuq il-bażi tal-kapaċità totali, bl-istess mod, ma jistax jitqies bilfors bħala indikatur ta' dannu importanti f'dan il-każ.

*Tabella 8*

| F'000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-kapaċità ta' produzzjoni | 7 592 | 7 962 | 8 375 | 8 906 |
| L-indiċi | 100 | 105 | 110 | 117 |
| L-użu tal-kapaċità | 66 % | 61 % | 61 % | 58 % |
| L-indiċi | 100 | 93 | 92 | 89 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(c) Il-volum tal-bejgħ

(126) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġie stabbilit kif spjegat fil-premessa (100) iktar 'il fuq. B'hekk, il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni żdied b'10 % bejn l-2008 u l-ERIP. Din iż-żieda nħasset b'mod partikolari bejn l-2010 u l-ERIP, fejn il-volumi ta' bejgħ żdiedu b'7 punti perċentwali. Dan jaħbat ma' tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-PRC minħabba l-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping fuq Since Hardware (Guangzhou) Co.

*Tabella 9*

| F"000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni | 4 300 - 4 500 | 4 300 - 4 500 | 4 500 - 4 700 | 4 800 - 5 000 |
| L-indiċi | 100 | 99 | 103 | 110 |

*Sors*: Questionnaire replies

(d) Is-sehem mis-suq

(127) Matul il-perjodu meqjus, l-industrija tal-Unjoni reġgħet iggwadanjat iktar fis-sehem mis-suq, li żdied minn 40-45 % fl-2008 għal 50-55 % fl-ERIP, jiġifieri żieda ta' 24 %. Din iż-żieda hija dovuta l-iktar għat-tnaqqis fil-konsum kif ukoll il-volum tal-importazzjoni Ċiniża u ż-żieda parallela fil-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

*Tabella 10*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| L-ishma mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni | 40 % - 45 % | 45 % - 50 % | 40 % - 45 % | 50 % - 55 % |
| L-indiċi | 100 | 107 | 101 | 124 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju u l-bażi ta' dejta 14(6)

(e) It-tkabbir

(128) Il-konsum tal-Unjoni naqas bejn l-2008 u l-ERIP. B'mod parallel, il-volum tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied b'10 % u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'24 %. Bl-istess mod, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'4 %, l-investiment iktar mill-rdoppja (premessa (141) taħt) u l-impjiegi żdiedu b'10 % (premessa (129) taħt) matul l-istess perjodu. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni esperjenzat xi tkabbir tul il-perjodu kkunsidrat.

(f) L-impjiegi

(129) L-impjiegi u x-xejriet fl-impjiegi għall-industrija totali tal-Unjoni ġew stmati billi ġew estrapolati l-figuri disponibbli fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw. B'konformità maż-żieda fil-bejgħ, il-livell ta' impjiegi tal-industrija tal-Unjoni juri żieda ta' 10 % bejn l-2008 u l-ERIP.

*Tabella 11*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| L-impjiegi għall-prodott simili | 655 | 672 | 736 | 722 |
| L-indiċi | 100 | 102 | 112 | 110 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(g) Il-produttività

(130) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala l-produzzjoni (biċċiet) għal kull persuna impjegata fis-sena, naqset b'6 % fil-perjodu meqjus. Dan huwa marbut mal-fatt li l-produzzjoni żdiedet b'rata inqas mill-impjiegi.

*Tabella 12*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-produttività (000 biċċa għal kull impjegat) | 7,6 | 7,3 | 6,9 | 7,2 |
| L-indiċi | 100 | 95 | 90 | 94 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(h) Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping fl-imgħoddi

(131) Il-marġni tad-dumping li nstab kienu ferm ogħla mil-livell de minimis. Rigward l-impatt tal-kobor tal-marġni tad-dumping propji fuq l-industrija tal-Unjoni, minħabba b'mod partikolari l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-PRC, l-impatt ma jistax jitqies negliġibbli.

(132) Rigward l-effetti tad-dumping fl-imgħoddi, filwaqt li l-indikaturi eżaminati hawn fuq juri xi titjib, jipprovdu wkoll evidenza li l-industrija tal-Unjoni għadha fraġli u vulnerabbli.

6.2. *L-indikaturi mikroekonomiċi*

(a) Il-prezzijiet u fatturi oħrajn li jaffettwaw il-prezzijiet

(133) Il-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppa kif muri fit-tabella hawn taħt. Il-prezzijiet medji baqgħu relattivament stabbli tul il-perjodu meqjus, għad li bi tnaqqis żgħir fl-RIP. Kif intqal iktar 'il fuq, din iż-żieda ħabtet mal-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fir-rigward ta' Since Hardware (Guangzhou) Co.

*Tabella 13*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz ta' unità fis-suq tal-Unjoni (EUR/biċċa) | 10,9 | 10,7 | 10,9 | 11,2 |
| L-indiċi | 100 | 98 | 100 | 103 |
| Il-kost ta' produzzjoni ta' unità (EUR/biċċa) | 10,9 | 10,5 | 11,0 | 11,4 |
| L-indiċi | 100 | 96 | 101 | 105 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(134) Il-prezzijiet ta' bejgħ isegwu x-xejriet fil-prezzijiet tal-materja prima ewlenija (jiġifieri l-azzar). Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-ispejjeż baqgħu relattivament stabbli tul il-perjodu meqjus, għad li l-ispejjeż naqsu ftit iktar mill-prezzijiet tal-bejgħ, u ħallew impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2008 u l-ERIP. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'qagħda li żżid il-prezzijiet tagħha għal-livelli sostenibbli iżda kienet imġiegħla tniżżel il-prezzijiet biex tilħaq il-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi biex terġa' tiggwadanja s-sehem mis-suq f'perjodu ta' konsum nieqes.

(b) Il-kost lavorattiv

(135) Il-pagi medji baqgħu stabbli tul il-perjodu meqjus, filwaqt li l-kost unitarju tal-produzzjoni żdied bi 3 % (tabella 13 fuq).

*Tabella 14*

| EUR / impjegat | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-paga medja | 20 669 | 19 377 | 19 885 | 20 523 |
| L-indiċi | 100 | 94 | 96 | 99 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(c) L-istokkijiet

(136) Il-volum ta' stokkijiet żdied matul il-perjodu meqjus. Il-livell ta' stokkijiet kien 56 % ogħla fl-ERIP fir-rigward tal-livelli tagħhom fl-2008.

*Tabella 15*

| F"000 biċċa | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| L-istokk tal-għeluq | 94 | 137 | 184 | 146 |
| L-indiċi | 100 | 147 | 197 | 156 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(d) Il-profitabilità u r-redditu fuq l-investimenti

(137) L-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-profitabilità tagħha bi ftit bejn l-2008, meta kienet f'punt ta' ekwilibriju, u l-2009 meta żdiedet għal 2 %. Madankollu, il-profitabilità reġgħet naqset fl-2010 u kompliet ukoll matul l-ERIP meta laħqet -1,7 %. Madankollu, il-profitabilità naqset bi kważi 2 % tul il-perjodu meqjus. Kif intqal iktar 'il fuq fil-premessa (134) dan kien dovut l-iktar għall-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex iżżid il-prezzijiet ta' bejgħ tagħha b'konformità maż-żieda fl-ispejjeż peress li kienet imġiegħla tnaqqas il-prezzijiet biex tlaħħaq mal-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi sabiex terġa' tiggwadanja s-sehem mis-suq tagħha.

(138) Ir-redditu fuq l-investimenti (ROI), mogħti bħala l-profitt f'perċentwal tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti, segwa bejn wieħed u ieħor ix-xejra tal-profitabilità. Żdied bejn l-2008 u l-2009, u naqas mill-2009 għall-ERIP. It-tnaqqis fl-ROI nħass iktar mit-tnaqqis fil-livelli ta' profitabilità minħabba żieda fl-investimenti kif muri fil-premessa (141) iktar 'il quddiem.

*Tabella 16*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-profitabilità (% tal-bejgħ nett) | 0,0 % | 2,0 % | – 0,8 % | – 1,7 % |
| L-indiċi | 100 | 102 | 99 | 98 |
| ROI (il-profitt f'% tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti) | – 4 % | 96 % | – 20 % | – 82 % |
| L-indiċi | 100 | 200 | 84 | 22 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(e) Il-fluss ta' flus u l-ħila li jżidu l-kapital

(139) Il-fluss ta' flus nett mill-attivitajiet operatorji, li hija l-ħila li l-industrija tiffinanzja l-attivitajiet tagħha stess, espressi bħala perċentwal tal-fatturat tal-prodott simili, tjieb b'konformità mal-profitabilità mil-livell ta' ekwilibriju fl-2008 għal 5 % fl-2009. Niżel għal 3 % fl-2010 u kien negattiv matul l-ERIP.

*Tabella 17*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| Il-fluss ta' flus (% tal-fatturat) | 0 % | 5 % | 3 % | – 1 % |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(140) Ma kien hemm ebda indikazzjoni partikolari li l-industrija tal-Unjoni kienet tiltaqa' ma' diffikultajiet biex iżżid il-kapital.

(f) L-investimenti

(141) L-investimenti annwali fil-produzzjoni tal-prodott simili mill-produtturi fil-kampjun żdiedu b'iktar mid-doppju bejn l-2008 u l-ERIP. Żdiedu b'mod kostanti bejn l-2008 u l-2009. Iż-żieda fl-investimenti tista' tiġi spjegata mill-isforzi ta' ristrutturar li saru mill-industrija tal-Unjoni billi investiet fil-proċess ta' produzzjoni tagħhom biex tagħmilhom iktar kompetittivi. Bejn l-2010 u l-ERIP kien hemm tnaqqis filwaqt li l-livell ta' investimenti baqa' għoli b'mod konsiderevoli meta mqabbel mal-2008.

*Tabella 18*

| | 2008 | 2009 | 2010 | ERIP (2011) |
|---|---|---|---|---|
| L-investimenti netti ( 000 EUR) | 239 | 504 | 1 046 | 569 |
| L-indiċi | 100 | 211 | 438 | 239 |

*Sors*: Tweġibiet għall-kwestjonarju

## 7. Il-konklużjoni dwar il-korriment

(142) L-analiżi tal-indikaturi makroekonomiċi turi sinjali ta' titjib b'mod partikolari f'termini ta' produzzjoni u volumi ta' bejgħ kif ukoll is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu meqjus. Fl-istess ħin, uħud mill-iktar indikaturi mikroekonomiċi relevanti naqsu bħall-profitabilità u r-redditu fuq l-investimenti. Il-prezzijiet tal-bejgħ, għad li qed jiżdiedu ftit ma jistgħux jilħqu livelli sostenibbli u jlaħħqu maż-żieda fil-kost ta' produzzjoni. Dan huwa dovut l-iktar għall-fatt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' f'livelli għoljin matul il-perjodu meqjus, billi l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu wkoll bi prezzijiet baxxi li l-industrija tal-Unjoni kellha ssegwi biex terġa' tiggwadanja s-sehem mis-suq.

(143) Għaldaqstant, il-miżuri kontra l-PRC għenu biss parzjalment lill-industrija tal-Unjoni sabiex tirkupra mid-danni mġarrba.

(144) Minħabba din l-analiżi ta' hawn fuq, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet u ma jidher li kien qed iseħħ ebda dannu materjali. Minkejja dan, minkejja xejriet li jidhru pożittivi u l-isforzi notevoli ta' ristrutturar, l-industrija tal-Unjoni għadha fraġli u vulnerabbli.

# F. IL-PROBABILITÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNI

## 1. Il-kummenti preliminari

(145) Kif intqal iktar 'il fuq fil-premessi (51) sa (52), fir-rigward tal-kooperazzjoni batuta tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-analiżi rigward is-suq domestiku Ċiniż u l-esportazzjonijiet mill-PRC lejn pajjiżi terzi oħrajn kellha toqgħod fuq l-informazzjoni disponibbli, jiġifieri informazzjoni ppubblikata fil-qafas tal-analiżi sunset ta' Ġunju 2010 imwettqa mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Istati Uniti ("analiżi sunset tal-Istati Uniti").

(146) Matul il-perjodu meqjus, l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli, kienet għadha esposta għall-effett dannuż tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-PRC.

(147) B'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ġew valutati sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm probabilità ta' rikorrenza tad-danni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

## 2. L-impatt tal-volum imbassar ta' importazzjonijiet u l-effetti fuq il-prezz fil-każ ta' tneħħija tal-miżuri

(148) Kif intqal iktar 'il fuq, rigward l-importazzjonijiet mill-PRC, kien hemm probabilità ta' ssoktar tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-volumi ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-PRC aktarx li jiżdiedu bla miżuri bi prezzijiet li jwaqqgħu sew il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. L-investigazzjoni uriet li l-klijenti ewlenin tal-industrija tal-Unjoni huma bejjiegħa bl-imnut, jiġifieri supermarkets kbar li huma f'pożizzjoni ta' negozjar b'saħħitha u li ser iġibu dejjem iktar twavel għall-mogħdija mill-PRC li ferm probabbli ser jidħlu fis-seħħ bi prezzijiet ferm baxxi li huma l-oġġett ta' dumping. B'hekk, il-pressjoni fuq il-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni aktarx li jmorru għall-agħar, u dan ser iġiegħlha tnaqqas il-prezzijiet b'effett diżastruż fuq is-sitwazzjoni tal-profitabilità tagħha li diġà kienet negattiva matul l-ERIP.

(149) B'hekk, fl-isfond tas-sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli tal-industrija tal-Unjoni, il-volumi ikbar u l-effetti fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-PRC jirriżultaw f'telf finanzjarju qawwi u tnaqqis fis-sehem mis-suq.

(150) L-imġiba ta' esportatur Ċiniż li fl-imgħoddi bbenefika minn rata ta' dazju ta' 0 %, Since Hardware (Guangzhou) Co, tista' titqies bħala indikazzjoni soda tal-imġiba probabbli tal-esportaturi Ċiniżi, li kieku kellhom jitneħħew id-dazji. Huwa mfakkar li Since Hardware (Guangzhou) Co, li bbenefika minn dazju ta' 0 % fl-imgħoddi (minn April 2007 sa Diċembru 2010) żied b'mod notevoli l-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-Unjoni bi prezzijiet li b'mod sostanzjali kienu l-oġġett ta' dumping li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul dak il-perjodu. Kif intqal qabel, investigazzjoni anti-dumping rigward din il-kumpanija rriżultat fl-impożizzjoni ta' dazju anti-dumping definittiv ta' 35,8 %. Din l-investigazzjoni kkonkludiet ukoll li l-volum ta' importazzjonijiet minn din il-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' dik l-investigazzjoni (2009) kien irdoppja meta mqabbel mal-importazzjonijiet tal-istess kumpanija tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali konkluża fl-2007 (2005). L-investigazzjoni rigward Since Hardware (Guangzhou) Co kkonkludiet li b'hekk, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet danni materjali.

(151) Barra minn hekk, l-investigazzjoni uriet li, qabel it-tnedjia ta' din ir-reviżjoni tal-iskadenza, produtturi esportaturi Ċiniżi diġà ppproponew lill-klijenti potenzjali fl-Unjoni offerti bi prezzijiet li jwaqqgħu sew il-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dan juri li huwa ferm probabbli li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jippruvaw jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi kwantitajiet ikbar billi jnaqqsu l-livelli tal-prezzijiet attwali tagħhom li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu.

### 3. **L-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-miżuri eżistenti f'pajjiżi terzi oħrajn u l-kapaċità ta' riżerva**

(152) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi (55) sa (57), l-industrija Ċiniża tat-twavel għall-mogħdija hija ferm orjentata lejn l-esportazzjonijiet u, anki wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-Unjoni għadha l-ikbar suq u l-iktar wieħed attraenti għalihom.

(153) Għall-produtturi esportaturi Ċiniżi l-Istati Uniti huma t-tieni l-ikbar suq tal-esportazzjoni. Madankollu, l-aċċess għas-suq tal-Istati Uniti għadu ristrett minħabba l-eżistenza ta' miżuri anti-dumping għoljin li ġew estiżi sal-2015. Dan isaħħaħ il-probabilità li l-importazzjonijiet mill-PRC jkunu allokati lejn is-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet ikbar jekk ma jinżammux il-miżuri.

(154) Skont l-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni mill-analiżi sunset tal-Istati Uniti, hemm potenzjalment kapaċitajiet addizzjonali sostanzjali disponibbli fil-PRC u aktar kapaċità addizzjonali tista' tiżdied faċilment fil-każ li dazji kontra d-dumping jiġu revokati minħabba li l-produzzjoni ta' twavel għall-mogħdija fil-PRC tirrekjedi ħafna ħaddiema u kwalunwke żieda fil-produzzjoni ma teħtieġx investimenti importanti jew ħiliet speċifiċi. Għaldaqstant, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, ġie konkluż li hemm għallinqas kapaċitajiet ta' riżerva potenzjalment sostanzjali disponibbli fil-PRC, li jistgħu jiġu diretti mill-ġdid għas-suq tal-Unjoni li kieku l-miżuri anti-dumping kellhom jitħallew jiskadu.

### 4. **Fatturi oħrajn**

#### 4.1. *L-importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping mill-PRC*

(155) Kif intqal iktar 'il fuq, matul l-ERIP ma nstab ebda dumping għall-uniku esportatur Ċiniż li kkoopera li għandu dazju individwali ta' 22,7 %. Madankollu, peress li l-importazzjonijiet ta' din il-kumpanija kienu jirrappreżentaw biss sehem minimu tal-volum totali ta' importazzjoni mill-PRC, ma setgħux jitqiesu bħala importanti u ma setgħux jitqiesu li kkontribwixxew għas-sitwazzjoni dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni matul l-ERIP.

(156) Ġie stabbilit ukoll li l-importazzjonijiet minn din il-kumpanija ma kinux qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul l-ERIP.

#### 4.2. *L-importazzjonijiet mill-Ukraina*

(157) Kif intqal iktar 'il fuq, l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina żdiedu b'24 %. Dan irriżulta f'żieda żgħira tas-suq korrispondenti tul il-perjodu meqjus.

(158) Madankollu, il-prezz medju ta' importazzjoni żdied minn 2008 sal-ERIP b'14 %, u laħaq l-istess livell ta' prezz bħall-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul l-ERIP.

(159) Għaldaqstant, is-sitwazzjoni dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni ma tistax tiġi spjegata bl-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija mill-Ukraina. Bl-istess mod, mhuwiex probabbli li l-importazzjonijiet mill-Ukraina jikkontribwixxu għar-rikorrenza tad-dannu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

#### 4.3. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn mhux soġġetti għal miżuri*

(160) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn mhux soġġetti għal miżuri żdied tul il-perjodu meqjus, għad li hemm tnaqqis żgħir bejn l-2010 u l-ERIP. Din iż-żieda fil-volum ta' importazzjoni kienet tfisser ukoll żieda fis-sehem mis-suq matul l-istess perjodu, minn 5-10 % għal 15-20 %.

(161) Għad li l-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi oħrajn kienu inqas mill-prezzijiet medji tal-industrija tal-Unjoni, kienu ogħla mill-prezzijiet medji ta' importazzjoni mill-PRC kif stabbiliti matul l-investigazzjoni attwali.

(162) Minkejja dan li ntqal hawn fuq, l-importazzjonijiet mill-PRC aktarx li jiżdiedu b'mod notevoli bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet medji ta' importazzjoni mill-PRC bla dazju anti-dumping kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni b'madwar 20 %. Għalhekk, l-importazzjonijiet mill-PRC huma mistennija jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet inqas mill-prezz medju tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, jekk jitħallew jiskadu l-miżuri, kif diġà kien il-każ matul l-ERIP. Għalhekk, ġie konkluż li l-importazzjonijiet minn swieq ta' pajjiżi terzi, għad li kellhom l-istess impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, ma jistgħux jinvalidaw il-konklużjoni tal-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping dannuż mill-importazzjonijiet Ċiniżi jekk jitħallew jiskadu l-miżuri.

#### 4.4. *It-tnaqqis fil-konsum*

(163) Huwa osservat li t-tnaqqis apparenti fil-konsum bejn l-2010 u l-ERIP huwa dovut l-iktar għall-effett statistiku tat-tnaqqis fl-importazzjonijiet ikkawżati mill-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kontra Since Hardware (Guangzhou) Co. Matul l-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-konsum ma setax kellu impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 5. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-korriment**

(164) L-investigazzjoni stabbilixxiet probabilità ta' rikorrenza ta' danni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(165) Wara li ttieħdu f'kunsiderazzjoni l-livell ta' dumping li għadu eżerċitat mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, l-imġiba fl-imgħoddi tal-produttur esportatur Ċiniż Since Hardware (Guangzhou) Co evidenzjata fl-investigazzjoni konkluża f'Diċembru 2010, il-possibilità li l-produtturi Ċiniżi jżidu l-kapaċità faċilment f'każ ta' żieda fid-domanda, l-orjentazzjoni b'saħħitha lejn l-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi u l-istrateġiji tagħhom fil-prezzijiet, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, aktarx li l-industrija tal-Unjoni tħabbat wiċċha ma' żieda ta' importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping, li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'mod notevoli. F'dan il-każ, mhux talli s-sitwazzjoni diġà diffiċli tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' profitabilità hija mistennija tmur għall-agħar, iżda aktarx li jintilef anki wħud mit-titjib riċenti fil-prestazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni.

## G. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

### 1. **L-introduzzjoni**

(166) B'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie mistħarreġ jekk l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-PRC wara s-sejbiet ta' din ir-reviżjoni tal-iskadenza tkunx kontra l-interess tal-Unjoni sħiħa. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament ta' kull wieħed mill-bosta interessi involuti. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jispjegaw il-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(167) Din l-investigazzjoni hija reviżjoni li tanalizza sitwazzjoni li fiha diġà hemm fis-seħħ miżuri anti-dumping. Għaldaqstant tippermetti sabiex issir il-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv żejjed fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping attwali.

(168) Huwa osservat ukoll li huwa propost li jintemm il-proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina li jwassal għal aċċess ikbar tal-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi bla restrizzjonijiet għas-suq tal-Unjoni.

(169) Fuq din il-bażi, ġie mistħarreġ jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping dannuż, kienx hemm raġunijiet validi li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li żżomm miżuri kontra l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-PRC.

### 2. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni u produtturi oħrajn tal-Unjoni**

(170) L-industrija tal-Unjoni wriet li hija industrija vijabbli. Dan kien ikkonfermat mill-iżvilupp pożittiv tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha osservata matul il-perjodu meqjus, parzjalment minħabba l-isforzi tagħha sabiex tkun iktar kompetittiva u l-miżuri fis-seħħ. Jista' jiġi raġonevolment mistenni li l-industrija tal-Unjoni ser tkompli tibbenefika mill-miżuri li ser jinżammu. Jekk ma jinżammux il-miżuri kontra l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-PRC, aktarx li l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu materjali minn volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet mill-PRC li huma l-oġġett ta' dumping, u dan jikkaġuna tgħarriq serju tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha minħabba l-marġni ta' twaqqigħ tal-prezz stabbiliti matul l-ERIP. Ir-rati ta' profitabilità li diġà huma negattivi, ir-redditu fuq l-investimenti u l-istokks ser ikomplu jmorru għall-agħar u finalment ser iwasslu għall-għajbien probabbli tal-industrija tal-Unjoni.

(171) B'hekk, huwa konkluż li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping kontra l-PRC jkunu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni b'mod ċar.

### 3. L-interess ta' partijiet oħrajn

(172) L-ebda wieħed mill-15-il importatur/negozjant ma kkoopera. Ħadd milli partijiet interessati potenzjali l-oħrajn ma nnotifika lilu nnifsu waqt l-investigazzjoni. Ma hemm ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri fis-seħħ jaffettwaw b'mod konsiderevoli lill-importaturi jew il-konsumaturi tal-prodott ikkonċernat. F'dan il-kuntest, jista' jiġi raġonevolment supponut li l-klijenti ewlenin, jiġifieri l-ħwienet ta' bejgħ kbar tal-imnut, ser ikunu jistgħu jgħaddu kawlunkwe żieda fil-prezzijiet li tirriżulta mid-dazji anti-dumping lill-konsumatur finali bla ma jħallu impatt sostanzjali fuq il-perċezzjoni tal-konsumaturi.

### 4. Il-konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

(173) Fuq din il-bażi, jista' jiġi konkluż li ma hemm ebda raġuni valida li tindika biċ-ċar li ż-żamma tal-miżuri kontra l-PRC tmur kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni.

## H. IL-MIŻURI ANTI-DUMPING

(174) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li jiġu rakkomandati l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-PRC u t-tneħħija tal-miżuri fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-Ukraina. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal din id-divulgazzjoni.

(175) Minn dan li ntqal hawn fuq joħroġ li, kif stipulat fl-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-PRC għandhom jinżammu u li d-dazju anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina għandu jitħalla jiskadi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'hekk huwa impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija, kemm jekk bis-saqajn jew mingħajrhom, b'wiċċ jew le minn fejn joħroġ il-fwar u/jew is-sħana u/jew l-arja, inkluż it-twavel għall-kmiem, u partijiet essenzjali minnhom, jiġifieri s-saqajn, il-wiċċ, u fejn tisserraħ il-ħadida li fil-preżent jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM ex 3924 90 00, ex 4421 90 98, ex 7323 93 00, ex 7323 99 00, ex 8516 79 70 u ex 8516 90 00 (kodiċijiet TARIC 3924 90 00 10, 4421 90 98 10, 7323 93 00 10, 7323 99 00 10, 8516 79 70 10 u 8516 90 00 51) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għal-prezz nett u ħieles fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

| Il-pajjiż | Il-manifattur | Ir-rata tad-dazju(%) | Il-kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | Foshan City Gaoming Lihe Daily Necessities Co. Ltd., Foshan | 34,9 | A782 |
| | Guangzhou Power Team Houseware Co. Ltd., Guangzhou | 39,6 | A783 |
| | Since Hardware (Guangzhou) Co., Ltd., Guangzhou | 35,8 | A784 |
| | Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd., Foshan | 18,1 | A785 |
| | Zhejiang Harmonic Hardware Products Co. Ltd., Guzhou | 26,5 | A786 |
| | Greenwood Houseware (Zhuhai) Ltd, Guangdong | 22,7 | A953 |
| | All other companies | 42,3 | A999 |

3. Sakemm ma jiġix speċifikat b'xi mod ieħor, għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tal-importazzjonijiet.

*Artikolu 2*

Il-proċediment anti-dumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw fl-Ukraina huwa bil-preżenti tterminat u l-miżuri anti-dumping imposti fuq l-Ukraina bir-Regolament (KE) Nru 452/2007 huwa revokati minn issa.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. JUKNA

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 696/2013

## tat-22 ta' Lulju 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti konġunti tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea [1], jagħti effett lill-miżuri previsti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/795/PESK tal-20 ta' Novembru 2006 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea [2], li mbagħad ġiet revokata u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK tat-22 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea [3].

(2) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/800/PESK [4], li ġġedded il-miżuri eżistenti u tagħti effett għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) 2094 (2013).

(3) Il-miżuri restrittivi jinkludu projbizzjoni fuq l-għoti ta' taħriġ tekniku, pariri, servizzi jew assistenza teknika f'dak li għandu x'jaqsam ma' oġġetti pprojbiti u huwa meħtieġ li jiġi estiż l-ambitu ta' dik il-projbizzjoni sabiex jiġi jinkludi servizzi intermedjarji oħra.

(4) Il-forniment ta' servizzi finanzjarji lil persuni u entitajiet addizzjonali huwa pprojbit, jiġifieri dawk li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni tal-persuni u l-entitajiet innominati jew entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew li huma kkontrollati minnhom, u huwa meħtieġ li jiġi miżjud kriterju addizzjonali tal-elenkar fir-Regolament (KE) Nru 329/2007 għal dak il-għan.

(5) Huwa neċessarju li jiġi pprojbit il-ħolqien ta' relazzjonijiet ta' korrispondent ġodda ma' banek fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ('Korea ta' Fuq') u ż-żamma ta' relazzjonijiet ta' korrispondent ma' banek fil-Korea ta' Fuq fejn ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li dan jista' jikkontribwixxi għall-programmi relatati man-nukleari, ma' armi oħra ta' qerda massiva jew mal-missili ballistiċi jew attivitajiet projbiti oħra tal-Korea ta' Fuq. Minbarra dan, l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri għandhom ikunu pprojbiti milli jiftħu kontijiet bankarji fil-Korea ta' Fuq.

(6) Huwa meħtieġ li tiġi spezzjonata l-merkanzija kollha li toriġina mill-Korea ta' Fuq, jew li hija destinata għall-Korea ta' Fuq, jew li tkun intermedjata jew iffaċilitata mill-Korea ta' Fuq jew miċ-ċittadini tagħha, jew minn individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom, fejn ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-merkanzija jkun fiha oġġetti pprojbiti. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm l-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni qabel il-wasla u qabel it-tluq. Meta bastiment jirrifjuta spezzjoni, dan għandu jiġi rrifjutat id-dħul.

(7) Huwa meħtieġ li jiġi pprojbit għal kwalunkwe inġenju tal-ajru li jitlaq minn, jinżel fi, jew itir fuq it-territorju tal-Unjoni, jekk ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-inġenju tal-ajru jkun fih oġġetti pprojbiti.

(8) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-oġġetti, il-materjali, it-tagħmir, il-prodotti u t-teknoloġija kollha, inkluż software, li huma prodotti jew teknoloġija b'użu doppju kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 [5] li huma pprojbiti milli jinbiegħu, jiġu fornuti, ittrasferiti jew esportati, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq jew biex jintużaw hemm, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 329/2007.

(9) L-Anness Ia jelenka oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbuta mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew ma' missili ballistiċi li wkoll huma pprojbiti milli jinbiegħu, jiġu fornuti, ittrasferiti jew esportati. Huwa l-kompitu tal-Unjoni li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(10) Il-lista tal-oġġetti fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandha tiġi emendata biex tiżdied il-lista tal-oġġetti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(11) Dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b'mod speċjali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn li tittieħed azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

[1] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.
[2] ĠU L 322, 22.11.2006, p. 32.
[3] ĠU L 341, 23.12.2010, p. 32.
[4] ĠU L 111, 23.4.2013, p. 52.
[5] ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"9. 'servizzi ta' senserija' tfisser:

(i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, bejgħ jew provvista ta' merkanzija u teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi dawk minn pajjiż terz lil kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew

(ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija u teknoloġija, jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inklużi fejn jinsabu f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom għal pajjiż terz ieħor;";

(2) fil-Artikolu 3(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati ma' merkanzija u teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I, Ia u Ib, u mal-forniment, manifattura, manutenzjoni u użu ta' merkanzija elenkata fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I, Ia u Ib lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq, jew għall-użu fil-Korea ta' Fuq;";

(3) L-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Bil-għan li jiġi impedut it-trasferiment ta' merkanzija u teknoloġija li huma koperti mil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-importazzjoni tagħhom li huma pprojbiti minn dan ir-Regolament, flimkien mal-obbligu li l-awtoritajiet doganali kompetenti jiġu pprovduti bl-informazzjoni ta' qabel il-wasla u wara t-tluq kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti li jirrigwardaw id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u l-ħruġ flimkien mad-dikjarazzjonijiet tad-dwana fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (*) u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (**), il-persuna li tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiddikjara jekk il-merkanzija hijiex koperta mil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew minn dan ir-Regolament u, fejn l-esportazzjoni hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni, tispeċifika d-dettalji tal-liċenzja tal-esportazzjoni mogħtija.

2. L-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ppreżentati jew f'forma miktuba jew bl-użu ta' dikjarazzjoni tad-dwana kif ikun xieraq.

3. Fejn hemm motivi raġonevoli biex wieħed jemmen li bastiment jista' jkun fih oġġetti pprojbiti taħt dan ir-Regolament, għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat, jew jiġi pprovdut aċċess għal portijiet fit-territorju tal-Unjoni għal:

(a) kwalunkwe bastiment li jkun irrifjuta li jiġi spezzjonat wara li tali spezzjoni tkun ġiet awtorizzata mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment, jew

(b) kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Korea ta' Fuq li jkun irrifjuta li jiġi spezzjonat.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 3 ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess għall-portijiet fil-każ ta' emerġenza;

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 3 ma għandhomx jirrestrinġu l-aċċess għall-portijiet fejn tali aċċess huwa meħtieġ għal finijiet ta' spezzjoni.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 3 ma għandhom jirrestrinġu lil ebda bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru milli jkollu aċċess għall-portijiet tal-istat tal-bandiera tiegħu.

7. Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-paragrafu 3.

(*) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
(**) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 3b*

Il-forniment ta' servizzi ta' trażbord jew ta' servizzi forniment ta' bastimenti, jew xi servizzi oħra għall-bastimenti, lil bastimenti tal-Korea ta' Fuq huwa pprojbit fejn il-fornituri tas-servizz ikollhom informazzjoni, inkluż mingħand l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq imsemmija fl-Artikolu 3a(1), li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastimenti qed iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont ir-Regolament, sakemm il-forniment ta' dawn is-servizzi ma jkunx neċessarju għal skopijiet umanitarji.;

*Artikolu 3c*

1. Ħlief fejn ipprojbit mill-paragrafu 8 tar-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-paragrafi 9, 10 u 23 tar-Riżoluzzjoni 1874 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-paragrafu 9 tar-Riżoluzzjoni 2087 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-paragrafi 7 u 20 tar-Riżoluzzjoni 2094 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn miżuri rilevanti taħt Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti oħrajn segwenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk it-termini u l-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament jew assistenza jew servizzi ta' senserija msemmija fl-Artikolu 3(1), dment li l-oġġetti u t-teknoloġija, l-assistenza jew is-servizzi ta' senserija huma għall-finijiet ta' ikel, ta' agrikoltura, mediċi jew finijiet umanitarji oħrajn.

2. L-Istat Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat, ta' awtorizzazzjonijiet taħt dan l-Artikolu.";

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Jekk deroga mill-Artikoli 2(1)(a) jew 3(1)(a) jew (b) tkun meqjusa meħtieġa f'każ speċifiku, il-bejjiegħ, il-fornitur, il-parti li tkun qed tittrasferixxi, l-esportatur jew il-fornitur tas-servizz ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba debitament motivata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kif elenkat fl-Anness II. L-Istat Membru li jirċievi t-talba għandu, jekk iqis li tali deroga hija ġġustifikata, jippreżenta talba għal approvazzjoni speċifika lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, transazzjoni fir-rigward ta' oġġetti msemmija fil-punt 17 tal-Anness III dment li l-oġġetti huma għal finijiet umanitarji jew għal finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.";

(6) fl-Artikolu 5a, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) jiftaħ kont bankarju ġdid ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja domiċiljata fil-Korea ta' Fuq jew kull istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 11a(2);

(b) jistabbilixxi relazzjoni ġdida ta' bank korrispondenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja domiċiljata fil-Korea ta' Fuq jew kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 11a(2);"

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) jiftaħ uffiċċju rappreżentattiv ġdid fil-Korea ta' Fuq, jew jistabbilixxi fergħa jew sussidjarja ġdida, fil-Korea ta' Fuq;

(d) jistabbilixxi impriża konġunta ġdida ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja domiċiljata fil-Korea ta' Fuq jew kull istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja msemmija fl-Artikolu 11a(2);

(e) iżomm relazzjoni ta' bank korrispondenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja domiċiljata fil-Korea ta' Fuq jew istituzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 11a(2) jekk ikun hemm informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li dan jista' jikkontribwixxi għall-programmi tal-Korea ta' Fuq relatati man-nukleari, ma' armi oħra ta' qerda massiva jew ma' missili ballistiċi, jew attivitajiet oħra projbiti minn dan ir-Regolament jew mid-Deċiżjoni 2013/183/PESK.";

(7) fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet, u l-korpi elenkati fl-Anness IV jew li huma proprjetà tagħhom jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati. L-Anness IV għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti skont il-paragrafu 8(d) tar-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-paragrafu 8 tar-Riżoluzzjoni 2094 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness V, jew li huma l-proprjetà tagħhom, jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati. L-Anness V għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li mhumiex elenkati fl-Anness IV, li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2013/183/PESK ġew identifikati mill-Kunsill:

(a) li huma responsabbli għal, inkluż permezz tal-appoġġ jew il-promozzjoni ta', programmi tal-Korea ta' Fuq relatati mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn ta' qerda massiva, jew mal-missili ballistiċi jew persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu f'isimhom jew skont l-istruzzjonijiet tagħhom, jew persuni, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti;

(b) li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment lejn, permezz ta', jew mit-territorju tal-Unjoni, jew li jinvolvu ċittadini ta' Stati Membri jew entitajiet organizzati taħt il-liġijiet tagħhom, jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Unjoni, ta' kwalunkwe assi finanzjarji jew assi oħrajn jew riżorsi li jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn ta' qerda massiva jew ma' missili ballistiċi, kif ukoll persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu f'isimhom jew fuq l-istruzzjonijiet tagħhom jew persuni, entitajiet jew korpi li jappartjenu lilhom jew li huma kkontrollati minnhom; jew

(c) li huma involuti, inkluż permezz tal-għoti ta' servizzi finanzjarji, fil-provvista lejn jew mill-Korea ta' Fuq ta' armi u ta' materjali relatati ta' kull tip, jew ta' oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn ta' qerda massiva u ma' missili ballistiċi għall-Korea ta' Fuq.

L-Anness V għandu jiġi rieżaminat regolarment u millinqas kull 12-il xahar.

2a. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness Va, jew li huma l-proprjetà tagħhom, huma miżmuma jew huma kkontrollati minnhom, għandhom ikunu ffriżati. L-Anness Va għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi mhux koperti bl-Anness IV jew V li qed jaħdmu

f'isem jew fuq l-istruzzjonijiet ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV jew V jew lil persuni li jgħinu fl-evażjoni ta' sanzjonijiet jew li jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tad-Deċiżjoni 2013/183/PESK.

L-Anness Va għandu jiġi rieżaminat regolarment u mill-inqas kull 12-il xahar.

3. L-Annessi IV, V u Va għandhom jinkludu, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni fiżiċi elenkati, bil-għan li l-persuni kkonċernati jiġu identifikati biżżejjed.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi:

(a) il-kunjom u l-ismijiet, inklużi psewdonimi u titli, jekk hemm;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(c) iċ-ċittadinanza;

(d) in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità;

(e) in-numri tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

(f) is-sess;

(g) l-indirizz jew tagħrif ieħor dwar fejn wieħed ikun jinsab;

(h) il-funzjoni jew professjoni;

(i) id-data tan-nomina.

L-Annessi IV, V u Va għandhom jinkludu wkoll ir-raġunijiet għall-elenkar, bħall-impjieg.

L-Annessi IV, V u Va jistgħu jinkludu wkoll informazzjoni għall-finijiet ta' identifikazzjoni, kif stipulat f'dan il-paragrafu, dwar il-membri tal-familja tal-persuni elenkati, sakemm din l-informazzjoni tkun meħtiega f'każ speċifiku bil-għan waħdieni li tiġi vverifikata l-identità tal-persuna fiżika elenkata kkonċernata.

4. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi IV, V u Va.";

(8) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) neċessarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni fiżiċi jew legali, tal-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness IV, V jew Va, u l-membri tal-familji dipendenti ta' tali persuni fiżiċi, inklużi ħlasijiet għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, ħlas ta' assigurazzjoni u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew imposti għal servizzi għall-kustodja normali jew għall-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(d) fejn l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm:

(a) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie notifikat dwar din id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni ġiet approvata minn dak il-Kumitat; u

(b) fejn l-awtorizzazzjoni tkun tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness V jew Va, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifka lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għaliex iqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafi 1 u 2.";

(9) Fl-Artikolu 8, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ir-rahan jew is-sentenza mhumiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Annessi IV, V jew Va;";

(10) Fl-Artikolu 11a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 16 għandhom, fl-attivitajiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-kreditu u finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, u sabiex jevitaw tali attivitajiet li jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq relatati man-nukleari, ma' armi oħra ta' qerda massiva jew mal-missili ballistiċi jew sabiex jevitaw attivitajiet oħra pprojbiti minn dan ir-Regolament, jew mid-Deċiżjoni 2013/183/PESK:

(a) jeżerċitaw viġilanza kontinwa fuq l-attivitajiet tal-kontijiet, b'mod partikolari permezz tal-programmi tagħhom dwar diliġenza dovuta tal-klijent u obbligi relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) jirrikjedu li fl-istruzzjonijiet tal-pagamenti timtela l-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-oriġinatur u l-benefiċjarju tat-tranżazzjoni kkonċernata u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta, jirrifjutaw it-tranżazzjoni;

(c) iżommu r-rekords kollha tat-tranżazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali fuq talba;

(d) jekk jissuspettaw jew ikollhom bażi raġonevoli sabiex jissuspettaw li l-fondi huma marbuta mal-finanzjament tal-proliferazzjoni, immedjatament jirrappurtaw is-suspetti tagħhom lill-unità tal-intelliġenza finanzjarja (UIF) jew awtorità kompetenti oħra nnominata mill-Istat Membru kkonċernat, kif indikat fis-siti tal-Internet fl-Anness II, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(1) jew l-Artikolu 6. L-UIF jew xi awtorità kompetenti oħra għandha sservi ta' ċentru nazzjonali għar-riċeviment u l-analiżi ta' rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi dwar finanzjament potenzjali tal-proliferazzjoni. L-UIF jew xi awtorità kompetenti oħra simili għandu jkollha aċċess, direttament jew indirettament, mingħajr dewmien żejjed, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva jew tal-infurzar tal-liġi li teħtieġ sabiex twettaq din il-funzjoni b'mod xieraq, inkluża l-analiżi tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet suspettużi.";

(11) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 11b*

1. Fejn hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li inġenju tal-ajru jista' jkun fih oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-Artikoli 2, 4 jew 4a, għandu jkun ipprojbit għal dak l-inġenju tal-ajru li:

(a) itir fuq it-territorju tal-Unjoni; jew

(b) jibda jew itemm titjira fit-territorju tal-Unjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux iwaqqaf lill-inġenji tal-ajru milli jagħmlu nżul ta' emerġenza.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux iwaqqaf lill-inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru milli jagħmlu nżul għall-ispezzjoni ta' oġġetti pprojbiti.

4. Il-parteċipazzjoni, konxjament u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-paragrafu 1 hija pprojbita.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 11c*

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.";

(13) L-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat skont it-test stipulat fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-Anness II għal dan ir-Regolament huwa mdaħħal bħala l-Anness Va għar-Regolament (KE) Nru 329/2007.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS I*

L-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

— L-entrati li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-entrata I.A1.024:

| | | |
|---|---|---|
| "I.A1.025 | Liegi tat-Titanju, minbarra dawk speċifikati f'1C002 u 1C202. | 1C002<br>1C202 |
| I.A1.026 | Żirkonju u liegi taż-żirkonju, minbarra dawk speċifikati f'1C011, 1C111 u 1C234. | 1C011<br>1C111<br>1C234 |
| I.A1.027 | Materjali splussivi minbarra dawk speċifikati f'1C239, jew materjali jew taħlitiet li aktar minn 2 % tal-piż tagħhom huwa tali materjal splussivi, b'densità kristallina ogħla minn 1,5 g/cm$^3$ u li għandhom veloċità ta' detonazzjoni ogħla minn 5 000 m/s. | 1C239" |

— L-entrata I.A2.002 għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "I.A2.002 | Għodda tal-magni, minbarra dawk speċifikati f'2B001 jew 2B201 u kwalunkwe taħlita tagħhom, għat-tneħħija (jew il-qtugħ) ta' metalli, ċeramika jew 'kompożiti' li, skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-'kontroll numeriku', li jkollhom preċiżjoni ta' pożizzjonar ta' daqs jew inqas (aħjar) minn 30 μm skont ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenzi nazzjonali fuq kwalunkwe assi lineari. | 2B001<br>2B201" |

— L-entrata li ġejja għandha tiddaħħal wara l-entrata I.A6.012:

| | | |
|---|---|---|
| "I.A6.013 | Lejżers, minbarra dawk speċifikati f'6A005 u 6A205. | 6A005<br>6A205" |

*ANNESS II*

*"ANNESS Va*

**LISTA' TA' PERSUNI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6(2a)"**

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 697/2013

## tat-22 ta' Lulju 2013

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri ristrettivi kontra s-Sirja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti konġunti tar-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 ([2]) sabiex jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri ristrettivi kontra s-Sirja ([3])

(2) Fid-29 ta' Novembru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/739/PESK ([4]) li ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

(3) Fl-1 ta' Ġunju 2013 id-Deċiżjoni 2012/739/PESK skadiet.

(4) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(5) L-Anness IX għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jelenka oġġetti li huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel, qabel il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2b tar-Regolament Nru 36/2012. Dik il-lista għandha tkun estiża sabiex tinkludi aktar oġġetti. Għandha tiġi pprovduta eċċezzjoni għal prodotti identifikati bħala oġġetti għall-konsumatur.

(6) Dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' tali miżuri mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Stat Membru jista' jipprojbixxi jew jimponi ħtieġa ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-provvista jew it-trasferiment ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna barra min dak elenkat fl-Anness IA jew l-Anness IX, sew jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għal użu fis-Sirja.

2. Stat Membru jista' jipprojbixxi jew jimponi ħtieġa ta' awtorizzazzjoni fuq il-provvista ta' assitenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir imsemmi filp-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għal użu fis-Sirja.";

(2) L-Artikolu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2a*

1. Huwa pprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' tagħmir, merkanzija jew teknoloġija li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, kif elenkat fl-Anness IA, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, fir-rigward ta' kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għall-użu fis-Sirja;

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif identifikati fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jagħtu, skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, awtorizzazzjoni għal tranżazzjoni fir-rigward ta' tagħmir, prodotti jew teknoloġija kif elenkati fl-Anness IA, kemm-il darba t-tagħmir, il-prodotti jew it-teknoloġija jkunu intiżi għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet umanitarji oħrajn, jew għall-benefiċċju tal-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.";

(3) fl-Artikolu 2c il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-qbid u t-trattament ta' tagħmir, merkanzija jew teknoloġija li l-forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti mill-Artikoli 2a ta' dan ir-Regolament, jistgħu, b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali jew mad-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti, isiru a spejjeż tal-persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 jew, jekk ma jkunx possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu rkuprati minn dik il-persuna jew entità, l-ispejjeż jistgħu, b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, jiġu

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.
([2]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 319, 2.12.2011, p 56.
([4]) ĠU L 330, 30.11.2012, p. 21.

rkuprati minn kwalunkwe persuna jew entità li tassumi responsabbiltà għall-ġarr tal-merkanzija jew tagħmir fit-tentattiv ta' forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni illeċiti.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2d*

Stat Membru jista' jipprojbixxi jew jimponi ħtieġa ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni lejn is-Sirja tal-oġġetti b'użu doppju msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) No 428/2009.";

(5) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Huwa pprojbit:

(a) l-għoti, dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir, merkanzija jew teknoloġija li jistgħu jintużaw għal represssjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna kif elenkati fl-Anness IA, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għal użu fis-Sirja;

(b) l-għoti, dirett jew indirett, il-finanzjament jew l-għajnuna finanzjarja relatata ma' merkanzija u teknoloġija elenkati fl-Anness IA, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu ta' esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe għoti ta' għajnuna teknika relatata ma' kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għal użu fis-Sirja;

(c) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b). ".

(b) il-paragrafu 2 jitħassar.

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif identifikati fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jagħtu, skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, awtorizzazzjoni għal għajnuna teknika "jew servizzi ta' senserija, jew finanzjament jew għajnuna finanzjara relatata ma' tagħmir, merkanzija jew teknoloġija, kif elenkati fl-Anness IA, kemm-il darba t-tagħmir, il-merkanzija jew it-teknoloġija jkunu intiżi għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet umanitarji oħrajn, jew għall-benefiċċju tal-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, fi żmien erba' ġimgħat, bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-ewwel subparagrafu.";

(6) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif definit fil-websajt elenkat fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali termini u kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, l-importazzjoni, l-akkwist jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petrolifiċi, jew l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

(a) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż informazzjoni provduta mill-persuna, l-entità jew il-korp li qed titlob l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li huwa raġonevoli li li jkun konkluż li;

(i) l-attivitajiet kkonċernati huma għall-fini li jipprovdu għajnuna lill-popolazzjoni ċivili Sirjana, b'mod partikolari biex jissodisfaw it-tħassib umanitarju, jgħinu fil-għoti ta' servizzi bażiċi, fil-bini mill-ġdid u fir-restawr tal-attività ekonomika, jew finijiet ċivili oħra;

(ii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jinvolvux fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 14 jew għall-benefiċċju tagħhom;

(iii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament;

(b) l-Istat Membru kkonċernat ikkonsulta minn qabel lill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fir-rigward, *inter alia*, ta':

(i) id-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-punti (a) (i) u (ii);

(ii) id-disponibbiltà tal-informazzjoni li tindika li l-attivitajiet ikkonċernati jistgħu jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi li qed isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp, jew għall-benefiċċju tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (*) jew fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban (**);

u l-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni jkunu taw il-fehmiet tagħhom lill-Istat Membru rilevanti.

(c) Fin-nuqqas tal-fehmiet mill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fi żmien 30 jum wara li tkun saritilhom it-talba, l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk toħroġx l-awtorizzazzjoni jew le.

2. Meta tapplika l-kondizzjonijiet skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob għal salvagwardji xierqa kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjoni mogħtija, inkluż informazzjoni rigward il-kontropartijiet għat-tranżazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma, fi żmien ġimagħtejn, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.;

(*) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.
(**) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9."

(7) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 9a*

1. B'deroga mill-Artikoli 8 u 9, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawn it-termini u kundizzjonijiet kif iqisu bħala xieraq, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-tagħmir jew tat-teknoloġija ewlenija elenkati fl-Anness VI, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

(a) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż informazzjoni provduta mill-persuna, l-entità jew il-korp li qed titlob l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li huwa raġonevoli li li jkun konkluż li;

(i) l-attivitajiet kkonċernati huma għall-fini li jipprovdu għajnuna lill-popolazzjoni ċivili Sirjana, b'mod partikolari biex jissodisfaw it-tħassib umanitarju, jgħinu fl-għoti ta' servizzi bażiċi, fil-bini mill-ġdid u fir-restawr tal-attività ekonomika, jew finijiet ċivili oħra;

(ii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jinvolvux fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 14 jew għall-benefiċċju tagħhom;

(iii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament;

(b) l-Istat Membru kkonċernat ikkonsulta minn qabel lill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mill-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fir-rigward, *inter alia*, ta':

(i) id-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-punti (a) (i) u (ii);

(ii) id-disponibbiltà tal-informazzjoni li tindika li l-attivitajiet ikkonċernati jistgħu jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi li qed isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp, jew għall-benefiċċju tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2580/2001 jew fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 881/2002;

u l-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni jkunu taw il-fehmiet tagħhom lill-Istat Membru rilevanti.

(c) Fin-nuqqas tal-fehmiet mill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fi żmien 30 jum wara li tkun saritilhom it-talba, l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk toħroġx l-awtorizzazzjoni jew le.

2. Meta tapplika l-kondizzjonijiet skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob għal salvagwardji xierqa kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjoni mogħtija, inkluż informazzjoni rigward il-kontropartijiet għat-tranżazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma, fi żmien ġimagħtejn, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 13a*

1. B'deroga mill-Artikolu 13(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif definit fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawn it-termini u kundizzjonijiet kif iqisu bħala xieraq, l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju għal jew l-akkwist jew l-estensjoni tal-parteċipazzjoni fi, jew il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' kwalunkwe persuna, entità jew korp Sirjan imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 13(2), kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

(a) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż informazzjoni provduta mill-persuna, l-entità jew il-korp li

qed titlob l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li huwa raġonevoli li li jkun konkluż li;

(i) l-attivitajiet kkonċernati huma għall-fini li jipprovdu għajnuna lill-popolazzjoni ċivili Sirjana, b'mod partikolari biex jissodisfaw it-tħassib umanitarju, jgħinu fl-għoti ta' servizzi bażiċi, fil-bini mill-ġdid u fir-restawr tal-attività ekonomika, jew finijiet ċivili oħra;

(ii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jinvolvux fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 14 jew għall-benefiċċju tagħhom;

(iii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament;

(b) l-Istat Membru kkonċernat ikkonsulta minn qabel lill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mill-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fir-rigward, *inter alia,* ta':

(i) id-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-punti (a) (i) u (ii);

(ii) id-disponibbiltà tal-informazzjoni li tindika li l-attivitajiet ikkonċernati jistgħu jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi li qed isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp, jew għall-benefiċċju tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2580/2001 jew fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 881/2002;

u l-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni jkunu taw il-fehmiet tagħhom lill-Istat Membru rilevanti.

(c) Fin-nuqqas tal-fehmiet mill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fi żmien 30 jum wara li tkun saritilhom it-talba, l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk toħroġx l-awtorizzazzjoni jew le.

2. Meta tapplika l-kondizzjonijiet skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob għal salvagwardji xierqa kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjoni mogħtija, inkluż informazzjoni rigward il-kontropartijiet għat-tranżazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma, fi żmien ġimagħtejn, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.";

(9) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 25 a*

1. B'deroga mill-punti (a) u (c) tal-Artikolu 25(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif definit fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawn it-termini u kundizzjonijiet kif iqisu bħala xieraq, il-ftuħ ta' kont bankarju ġdid jew uffiċċju rappreżentattiv ġdid, jew l-istabbiliment ta' fergħa jew sussidjarja ġdida, kemm-il darba l-kundizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

(a) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż informazzjoni provduta mill-persuna, l-entità jew il-korp li qed titlob l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat li huwa raġonevoli li li jkun konkluż li;

(i) l-attivitajiet kkonċernati huma għall-fini li jipprovdu għajnuna lill-popolazzjoni ċivili Sirjana, b'mod partikolari biex jissodisfaw it-tħassib umanitarju, jgħinu fl-għoti ta' servizzi bażiċi, fil-bini mill-ġdid u fir-restawr tal-attività ekonomika, jew finijiet ċivili oħra;

(ii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jinvolvux fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 14 jew għall-benefiċċju tagħhom;

(iii) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament;

(b) l-Istat Membru kkonċernat ikkonsulta minn qabel lill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mill-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fir-rigward, *inter alia,* ta':

(i) id-determinazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-punti (a) (i) u (ii);

(ii) id-disponibbiltà tal-informazzjoni li tindika li l-attivitajiet ikkonċernati jistgħu jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi li qed isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuna jew entità jew korp, jew għall-benefiċċju tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2580/2001 jew fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 881/2002;

u l-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni jkunu taw il-fehmiet tagħhom lill-Istat Membru rilevanti.

(c) Fin-nuqqas tal-fehmiet mill-persuna, l-entità jew il-korp nominati mil-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni fi żmien 30 jum wara li tkun saritilhom it-talba, l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk toħroġx l-awtorizzazzjoni jew le.

2. Meta tapplika l-kondizzjonijiet skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha titlob għal salvagwardji xierqa kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjoni mogħtija, inkluż informazzjoni rigward il-kontropartijiet għat-tranżazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma, fi żmien ġimagħtejn, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.";

(10) l-Anness I huwa mħassar.;

(11) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara t-titolu "Lista ta' Tagħmir, Prodotti u Teknoloġija Msemmija fl-Artikolu 2b":

"Il-lista stipulata fl-Anness ma tinkludix prodotti identifikati bħala oġġetti għall-konsumatur ippakkjati għall-bejgħ bl-imnut għall-użu personali jew ippakkjati għall-użu individwali, bl-eċċezzjoni tal-isopropanol.";

(b) Fit-Taqsima IX.A1 "Materjali, kimiċi, 'mikroorganiżmi' u 'tossini' ", l-entrati stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jiżdiedu bħala l-punt IX.A1.004.

(c) Fit-Taqsima IX.A2 "Ipproċessar ta' Materjali", l-entrata stipulata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiżdiedu bħala l-punt IX.A2.010.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS I*

Entrati msemmija fil-punt (11)(b)

Komposti definiti kimikament separati skont in-Nota 1 tal-Kapitoli 28 u 29 tan-Nomenklatura Magħquda ([1]), f'konċentrazzjoni ta' 90 % jew aktar, ħlief jekk indikat mod ieħor, kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Aċetun, | (CAS RN 67-64-1) | (Kodiċi NM 2914 11 00) |
| Aċitilena, | (CAS RN 74-86-2) | (Kodiċi NM 2901 29 00) |
| Ammonja, | (CAS RN 7664-41-7) | (Kodiċi NM 2814 10 00) |
| Antimonju, | (CAS RN 7440-36-0) | (intestatura 8110) |
| Benżaldeide, | (CAS RN 100-52-7) | (Kodiċi NM 2912 21 00) |
| Benżoin | (CAS RN 119-53-9) | (Kodiċi NM 2914 40 90) |
| 1-Butanol, | (CAS RN 71-36-3) | (Kodiċi NM 2905 13 00) |
| 2-Butanol, | (CAS RN 78-92-2) | (Kodiċi NM 2905 14 90) |
| Iso-Butanol, | (CAS RN 78-83-1) | (Kodiċi NM 2905 14 90) |
| Tert-Butanol, | (CAS RN 75-65-0) | (Kodiċi NM 2905 14 10) |
| Karbur tal-kalċju, | (CAS RN 75-20-7) | (Kodiċi NM 2849 10 00) |
| Monossidu tal-karbonju, | (CAS RN 630-08-0) | (Kodiċi NM 2811 29 90) |
| Klorin, | (CAS RN 7782-50-5) | (Kodiċi NM 2801 10 00) |
| Ċikloeżanol, | (CAS RN 108-93-0) | (Kodiċi NM 2906 12 00) |
| Diċikloeżilammina (DCA), | (CAS RN 101-83-7) | (Kodiċi NM 2921 30 99) |
| Etanol, | (CAS RN 64-17-5) | (Kodiċi NM 2207 10 00) |
| Etilene, | (CAS RN 74-85-1) | (Kodiċi NM 2901 21 00) |
| Ossidu tal-etilena, | (CAS RN 75-21-8) | (Kodiċi NM 2910 10 00) |
| Fluworoapatite, | (CAS RN 04/05/1306) | (Kodiċi NM 2835 39 00) |
| Klorur tal-idroġenu, | (CAS RN 7647-01-0) | (Kodiċi NM 2806 10 00) |
| Sulfur tal-idroġenu, | (CAS RN 04/06/7783) | (Kodiċi NM 2811 19 80) |
| Isoċjanatometan, | (CAS RN 624-83-9) | (Kodiċi NM 2929 10 00) |
| Isopropanol, konċentrazzjoni ta' 95 % jew aktar, | (CAS RN 67-63-0) | (Kodiċi NM 2905 12 00) |
| Aċidu mandeliku, | (CAS RN 90-64-2) | (Kodiċi NM 2918 19 98) |
| Metanol, | (CAS RN 67-56-1) | (Kodiċi NM 2905 11 00) |
| Klorur tal-metil, | (CAS RN 74-87-3) | (Kodiċi NM 2903 11 00) |

([1]) Kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad- 9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 304, 31.10.2012, p. 1).

| | | |
|---|---|---|
| Jodur tal-metil, | (CAS RN 74-88-4) | (Kodiċi NM 2903 39 90) |
| Merkaptan tal-metil, | (CAS RN 74-93-1) | (Kodiċi NM 2930 90 99) |
| Monoetileneglikol | (CAS RN 107-21-1) | (Kodiċi NM 2905 31 00) |
| Klorur tal-ossalil, | (CAS RN 79-37-8) | (Kodiċi NM 2917 19 90) |
| Sulfid tal-potassju, | (CAS RN 1312-73-8) | (Kodiċi NM 2830 90 85) |
| Tiosianat tal-potassju, (KSCN), | (CAS RN 333-20-0) | (Kodiċi NM 2842 90 80) |
| Ipoklorit tas-sodju, | (CAS RN 7681-52-9) | (Kodiċi NM 2828 90 00) |
| Kubrit, | (CAS RN 7704-34-9) | (Kodiċi NM 2802 00 00) |
| Diossidu tal-kubrit, | (CAS RN 05/09/7446) | (Kodiċi NM 2811 29 05) |
| Triossidu tal-kubrit, | (CAS RN 09/11/7446) | (Kodiċi NM 2811 29 10) |
| Klorur tat-tiofosforil, | (CAS RN 3982-91-0) | (Kodiċi NM 2853 00 90) |
| Fosfat tat-tri-iżobutil | (CAS RN 1606-96-8) | (Kodiċi NM 2920 90 85) |
| Fosfru abjad/isfar | (CAS RN 12185-10-3, 7723-14-0) | (Kodiċi NM 2804 70 00) |

## *ANNESS II*

Entrati msemmija fil-punt (11)(c)

| | |
|---|---|
| IX.A2.010 | Tagħmir<br>Tagħmir tal-laboratorju, inklużi parts u aċċessorji għal dan it-tagħmir, għall-analiżi (distruttiva jew mhux distruttiva) jew is-sejbien ta' sustanzi kimiċi, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir, inkluż partijiet jew aċċessorji, diżinjati speċifikament għall-użu mediku. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 698/2013

## tad-19 ta' Lulju 2013

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura ta' prodotti, minn hawn 'il quddiem imsejħa n-Nomenklatura Magħquda, li hija stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2009 fil-Kawżi Konġunti C-410/08 sa C-412/08 ("Swiss Caps") ippreżentat paradigma ġdida għall-klassifikazzjoni ta' "*supplimenti tal-ikel*".

(3) Fuq naħa waħda, il-paragrafu 29 ta' din is-sentenza jistipula li "*l-użu maħsub ta' prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv għall-klassifikazzjoni jekk huwa inerenti għall-prodott*". Min-naħa l-oħra, il-paragrafu 32 jiddikjara li l-preżentazzjoni f'kapsuli huwa "*fattur deċiżiv li juri l-funzjoni tagħhom bħala suppliment tal-ikel, peress li tiddetermina d-dożaġġ ta' preparazzjonijiet li jittieklu, il-mod li bih jiġu assorbiti u l-post fejn huma mistennija li jsiru attivi*".

(4) Konsegwentement, skont id-deċiżjoni tal-Qorti, prodotti li huma użati bħala supplimenti tal-ikel biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali u li huma ppreżentati f'kapsuli huma kklassifikati taħt l-intestatura 2106 bħala "*preparazzjonijiet tal-ikel mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor*".

(5) Madankollu, il-problemi ta' klassifikazzjoni ta' tariffi jistgħu jinqalgħu fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' prodotti bl-istess kompożizzjoni, l-istess skop, li fihom doża mkejla, iżda li huma ppreżentati f'pastilji jew pilloli.

(6) Għalhekk, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti tan-Nomenklatura Magħquda, il-klassifikazzjoni ta' preparazzjonijiet tal-ikel ippreżentati f'dożi ta' kejl, bħalma huma l-kapsoli, l-pastilji u l-pilloli u li huma maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel, għandhom iqisu l-kriterji żviluppati fil-Kawżi Konġunti C-410/08 sa C-412/08 ("Swiss caps").

(7) Għalhekk għandha tiddaħħal Nota Addizzjonali ġdida fil-Kapitolu 21 tan-Nomenklatura Magħquda biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-Kapitolu 21 tan-Nomenklatura Magħquda stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, qed tiddaħħal in-Nota 5 Addizzjonali li ġejja:

"5. *"Preparazzjonijiet oħra tal-ikel ippreżentati f'dożi mkejla, bħal pereżempju, kapsuli, pastilji u pilloli, u li huma maħsuba biex jintużaw bħala supplimenti tal-ikel għandhom ikunu kklassifikati taħt l-intestatura 2106, sakemm ma humiex xi mkien ieħor speċifikati jew inklużi."*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 699/2013

## tad-19 ta' Lulju 2013

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-ħsieb tal-applikazzjoni ta' tariffi u ta' miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Liter tal-qtates magħmul minn tafal naturali (il-bentonit) li jkun ġie mnixxef u ttrattat permezz ta' aġent antibatteriku u li jkun tħallat b'karbonju attivat bil-għan li jiġu evitati t-tkabbir tal-batterji u l-iżvilupp ta' riħa. It-tafal bentonit jikkostitwixxi aktar minn 94 % skont il-piż tal-prodott.<br><br>Il-prodott jinbiegħ lill-konsumaturi f'pakketti ta' daqsijiet differenti. | 3824 90 97 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 3824, 3824 90 u 3824 90 97.<br><br>Il-prodott inkiseb permezz tat-taħlit tat-tafal bentonit ma' aġent antibatteriku u ma' karbonju attivat. Għalhekk, il-klassifikazzjoni bħala tip ta' tafal ieħor tal-intestatura 2508 hija eskluża (in-Nota 1 fil-Kapitolu 25).<br><br>Iż-żieda ta' aġent antibatteriku u tal-karbonju attivat ma tbiddilx il-forma jew il-karattru tal-materjal kostitwenti. Għalhekk, il-klassifikazzjoni tal-prodott taħt l-intestatura 6815 bħala oġġett tal-ġebla jew ta' sustanzi minerali oħrajn li mhumiex speċifikati band' oħra hija eskluża wkoll (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata fil-Kapitolu 68, Ġenerali, it-tielet paragrafu).<br><br>Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3824 90 97 bħala prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra. |
| 2. Liter tal-qtates magħmul minn granuli trasluċidi tad-diossidu tas-siliċju (il-ġel tas-silika) ta' forma tonda u ovali. Il-prodott jinkludi kwantità viżibbli ta' granuli kkuluriti.<br><br>Il-granuli kkuluriti jinkisbu permezz taż-żieda ta' żebgħa kaħla.<br><br>Il-prodott jinbiegħ lill-konsumaturi f'pakketti ta' daqsijiet differenti. | 3824 90 97 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 3824, 3824 90 u 3824 90 97.<br><br>Il-kulur ikħal huwa miżjud biss għal raġunijiet kummerċjali jew promozzjonali iżda mhux għall-identifikazzjoni tad-diossidu tas-siliċju. Barra minn hekk, id-diossidu tas-siliċju f'forma granulari mhuwiex ta' theddida għas-sikurezza. Għalhekk, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2811 hija eskluża (in-Nota 1(e) tal-Kapitolu 28).<br><br>Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3824 90 97 bħala prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra. |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 700/2013**

**tat-22 ta' Lulju 2013**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0707 00 05 | TR | 91,2 |
| | ZZ | 91,2 |
| 0709 93 10 | TR | 130,5 |
| | ZZ | 130,5 |
| 0805 50 10 | AR | 83,3 |
| | TR | 70,0 |
| | UY | 77,5 |
| | ZA | 98,9 |
| | ZZ | 82,4 |
| 0808 10 80 | AR | 151,6 |
| | BR | 110,5 |
| | CL | 134,3 |
| | CN | 96,1 |
| | NZ | 138,0 |
| | US | 140,3 |
| | ZA | 117,0 |
| | ZZ | 126,8 |
| 0808 30 90 | AR | 97,7 |
| | CL | 142,8 |
| | CN | 77,3 |
| | NZ | 162,9 |
| | TR | 174,5 |
| | ZA | 94,7 |
| | ZZ | 125,0 |
| 0809 10 00 | TR | 194,3 |
| | ZZ | 194,3 |
| 0809 29 00 | TR | 337,1 |
| | ZZ | 337,1 |
| 0809 30 | TR | 181,6 |
| | ZZ | 181,6 |
| 0809 40 05 | BA | 86,7 |
| | MK | 99,6 |
| | TR | 118,8 |
| | XS | 103,8 |
| | ZZ | 102,2 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/391/PESK

### tat-22 ta' Lulju 2013

### b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtá tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 26(2) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni li jeħtieġ li jittieħdu kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi.

(2) L-Unjoni qiegħda timplimenta din l-Istrateġija attivament u qiegħda tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi tagħmel disponibbli riżorsi finanzjarji b'appoġġ għal proġetti speċifiċi mmexxijin minn istituzzjonijiet multilaterali, b'hekk l-Istati fil-bżonn jingħataw assistenza teknika u ħila esperta fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' miżuri ta' nonproliferazzjoni, u l-promozzjoni tar-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU).

(3) Fit-28 ta' April 2004, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta ir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) ("UNSCR 1540 (2004)"), li kienet l-ewwel strument internazzjonali biex jiġu ttrattati b'mod integrat u komprensiv l-armi ta' qerda massiva, il-mezzi ta' kunsinna tagħhom u l-materjal relatat. UNSCR 1540 (2004) stabbilixxiet obbligi vinkolanti għall-Istati kollha li kellhom l-għan li jimpedixxu u jiskoraġġixxu lill-atturi li mhumiex Stati milli jaċċedu għal tali armi u materjal relatat mal-armi. Hija appellat ukoll lill-Istati biex jippreżentaw rapport lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit bir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) ("il-Kumitat 1540") dwar il-passi li ħadu jew li bihsiebhom jieħdu sabiex jimplimentaw il-UNSCR 1540 (2004).

(4) Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1673 (2006) u ddeċieda li l-Kumitat 1540 għandu jintensifika l-isforzi tiegħu sabiex jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1540 (2004) permezz ta' programmi ta' ħidma, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, assistenza, djalogu u kooperazzjoni. Huwa stieden ukoll lill-Kumitat 1540 biex jesplora mal-Istati u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali l-possibbiltà ta' kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-lezzjonijiet meħuda, u d-disponibbiltà ta' programmi li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004).

(5) Fl-20 ta' April 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1977 (2011) u ddeċieda li jestendi l-mandat tal-Kumitat 1540 għal perijodu ta' 10 snin sal-25 ta' April 2021. Huwa ddeċieda wkoll li l-Kumitat 1540 kellu jkompli jintensifika l-isforzi tiegħu biex jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa mill-Istati kollha tal-UNSCR 1540 (2004), b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma bħal: (a) iż-żamma ta' kontijiet, (b) il-protezzjoni fiżika, (c) il-kontrolli fil-fruntieri u l-isforzi tal-infurzar tal-liġi u (d) il-kontrolli nazzjonali tal-esportazzjonijiet u t-trasbordjar inklużi l-kontrolli fuq l-għoti ta' fondi u servizzi bħall-finanzjament għal tali esportazzjonijiet u trasbordjar.

(6) L-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/419/PESK tat-12 ta' Ġunju 2006 b'appoġġ għall-implementazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà 1540 (2004) tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implementazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva ([1]) u l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK tal-14 ta' Mejju 2008 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva ([2]) kkontribwixxiet għat-tnaqqis sinifikanti tal-għadd ta' Stati li ma jirrappurtawx u l-għadd ta' Stati li ma jippreżentawx l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Kumitat 1540 b'segwitu għall-preżentazzjoni ta' rapporti mhux kompluti.

(7) L-Uffiċċju għad-Diżarm fi ħdan is-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, li huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ sostantiv u loġistiku lill-Kumitat 1540 u lill-esperti tiegħu, għandu jiġi fdat bl-implimentazzjoni teknika tal-proġetti li għandhom jitwettqu taħt din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 165, 17.6.2006, p. 30. Edizzjoni Speċjali bil-Malti, ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 223.
([2]) ĠU L 127, 15.5.2008, p. 78.

(8) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv, konkluż mill-Kummissjoni Ewropea man-Nazzjonijiet Uniti dwar l-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni għal programmi jew proġetti amministrati min-Nazzjonijiet Uniti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, li tistabbilixxi l-objettiv tal-promozzjoni tar-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tat-tisħiħ tal-ħila esperta tiegħu sabiex jaffronta l-isfidi tal-proliferazzjoni, l-Unjoni għandha tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR 1540 (2004)") u r-Riżoluzzjoni 1977 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Il-proġetti b'appoġġ għall-UNSCR 1540 (2004), li jikkorrispondu għal miżuri tal-Istrateġija tal-UE, għandhom jikkonsistu f'workshops subreġjonali, żjarat fil-pajjiż, laqgħat, avvenimenti, taħriġ u sforzi ta' relazzjonijiet pubbliċi.

3. L-għanijiet tal-proġetti għandhom jikkonsistu fi:

— it-tisħiħ tal-isforzi u l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti primarjament permezz tal-bini ta' kapaċità u l-faċilitazzjoni tal-assistenza;

— kontribut għall-implimentazzjoni prattika ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi tar-Rieżami Komprensiv tal-2009 tal-istat ta' implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004), b'mod partikolari fl-oqsma tal-assistenza teknika, il-kooperazzjoni internazzjonali u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

— it-tnedija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali fuq talba tal-Istati.

4. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti hija mniżżla fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mis-Segretarjat tan-NU (Uffiċċju għall-Affarijiet ta' Diżarm) ("Segretarjat tan-NU (ODA)"). Huwa għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà u l-kontroll tar-Rappreżentant Għoli.

3. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat tan-NU (ODA).

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implementazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 750 000, li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mas-Segretarjat tan-NU (ODA). Dak il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li s-Segretarjat tan-NU (ODA) għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mhejjija mis-Segretarjat tan-NU (ODA). Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3), jew tliet xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jiġi konkluż f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

## 1. OBJETTIVI

L-objettivi ġenerali ta' din id-Deċiżjoni huma l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) ("UNSCR 1540 (2004)") u 1977 (2011) ("UNSCR 1977 (2011)") tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva permezz ta' miżuri speċifiċi bl-għanijiet speċifiċi li ġejjin: it-tisħiħ tal-isforzi u l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti primarjament permezz tal-bini ta' kapaċità u l-faċilitazzjoni tal-assistenza; il-kontribut għall-implimentazzjoni prattika ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi tar-Rieżami Komprensiv tal-2009 tal-istat ta' implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004), b'mod partikolari fl-oqsma tal-assistenza teknika, il-kooperazzjoni internazzjonali u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku.

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

### 2.1. Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni nazzjonali u l-koordinazzjoni subreġjonali

#### 2.1.1. *Objettiv tal-miżura*

— L-għoti ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni speċifiċi għall-pajjiż, inkluż l-iżvilupp ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali u ta' proċess ta' implimentazzjoni sostnut nazzjonali u subreġjonali;

— It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali inkluż r-rwol tal-Kumitat 1540 fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004).

#### 2.1.2. *Deskrizzjoni tal-miżura*

Il-faċilitazzjoni mill-UNODA, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u entitajiet oħrajn internazzjonali, reġjonali u subreġjonali, kif adatt, ta' passi prattiċi biex jiġu implimentati r-rekwiżiti prinċipali tal-UNSCR1540 (2004) f'livell nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ ta' żjarat fil-pajjiżi u attivitajiet speċifiċi għall-pajjiż li għandhom jitwettqu mill-Kumitat 1540, bil-kunsens tal-Istati kkonċernati. Hu previst li jiġu appoġġati ħames żjarat fil-pajjiż (kull waħda ddum erbat ijiem). Skont il-pajjiż speċifiku u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat 1540, iż-żjara fil-pajjiż jew l-attivitajiet speċifiċi għall-pajjiż ser jikkontribwixxu għall-proċess ta' implimentazzjoni nazzjonali permezz ta': (a) kontributi għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku permezz ta' djalogi adattati ma' atturi differenti involuti fl-implimentazzjoni nazzjonali tal-UNSCR 1540 (2004); (b) eżami tal-miżuri u l-mekkaniżmi nazzjonali użati għall-implimentazzjoni ta' dik ir-riżoluzzjoni u l-identifikazzjoni tal-isfidi speċifiċi li jaffrontaw l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll opzjonijiet possibbli biex jirrimedjawhom; u (c) faċilitazzjoni tat-tħejjija ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali volontarji u miżuri oħrajn deċiżi mill-pajjiż miżjur.

L-organizzazzjoni mill-UNODA, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u entitajiet oħrajn internazzjonali, reġjonali u subreġjonali, kif adatt, ta' laqgħat f'subreġjuni speċifiċi abbażi tal-eżitu tal-workshops preċedenti dwar il-bini ta' kapaċità fis-subreġjuni speċifiċi. Hu previst li jitwettqu tliet laqgħat ta' segwitu fis-subreġjuni magħżulin (l-Afrika, il-Golf u l-Lvant Nofsani, ix-Xlokk tal-Ewropa u l-Amerika Latina). Kull laqgħa ser tiġi adattata għar-rekwiżiti attwali tas-subreġjun b'attenzjoni fuq oqsma li x'aktarx li jiksbu riżultati prattiċi. Il-laqgħat ser jitwettqu flimkien ma' diskussjonijiet tekniċi fil-pajjiżi biex jiġu esplorati miżuri speċifiċi b'sostenn għal progress fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). Id-diskussjonijiet fil-pajjiżi ser jiġu organizzati b'rispons għall-istediniet mill-Istati Membri interessati.

L-UNODA ser jiżviluppa attivitajiet relatati mal-UNSCR 1540 (2004) f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u aġenziji internazzjonali oħrajn, inklużi l-OSKE, l-IAEA, l-OPCW, il-WHO, il-FAO u l-OIE, biex jiġu żgurati sinerġiji effettivi u tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Kif adatt, ser jiġu esplorati sinerġiji mal-attivitajiet taċ-"Ċentri ta' Eċċellenza" Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) reġjonali, li qegħdin jiġu stabbiliti attwalment taħt l-Istrument għall-Istabbiltà kif ukoll ma' programmi oħrajn sponsorjati mill-UE f'dan il-qasam.

#### 2.1.3. *Riżultati tal-miżura*

It-titjib tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004) permezz ta' passi addizzjonali li għandhom jittieħdu mill-Istati għall-implimentazzjoni sħiħa tagħha; l-iżvilupp ta' pjani ta' azzjoni jew pjani direzzjonali nazzjonali effettivi u realistiċi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti prinċipali ta' dik ir-riżoluzzjoni; approċċi reġjonali kkoordinati msaħħin għall-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004); u l-istabbiliment ta' sħubiji effettivi bejn l-Istati parteċipanti u l-fornituri ta' assistenza.

## 2.2. Aktar bini ta' kapaċità biex jiġu stabbiliti u miżmuma l-protezzjoni fiżika u jinżamm kont ta' materjal sensittiv b'użu doppju

2.2.1. *Objettiv tal-miżura*

Il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċità fil-livell nazzjonali u reġjonali biex isir progress fl-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1540 (2004) permezz ta' attenzjoni fuq waħda mill-oqsma prinċipali tar-riżoluzzjoni, jiġifieri, il-protezzjoni fiżika u li jinżamm kont ta' "materjal relatat". L-UNSCR 1540 (2004) fiha dispożizzjonijiet speċifiċi (is-subparagrafi a) u b) tal-paragrafu 3 operattiv) li jobbligaw lill-Istati kollha biex jistabbilixxu kontrolli adatti fuq materjal, tagħmir u teknoloġija li jistgħu jintużaw għad-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom. Għal dan l-għan, l-Istati huma meħtieġa li: (a) jiżviluppaw u jżommu miżuri effettivi adatti biex jinżamm kont ta' tali oġġetti u jinżammu taħt sigurtà fil-produzzjoni, l-użu, il-ħżin jew it-trasport; u (b) jiżviluppaw u jżommu miżuri ta' protezzjoni fiżika effettivi u adatti.

2.2.2. *Deskrizzjoni tal-miżura*

L-organizzazzjoni mill-UNODA ta' żewġ workshops subreġjonali (l-Amerika Ċentrali, ix-Xlokk tal-Asja u l-Amerika Latina) li jiffukaw fuq il-protezzjoni fiżika u li jinżamm kont ta' "materjal relatat". Permezz tal-kondiviżjoni ta' esperjenza rigward linji ta' politika u prattiki nazzjonali relatati maż-żamma tal-kontijiet, iż-żamma taħt sigurtà u l-protezzjoni ta' materjal bijoloġiku, kimiku u nukleari rilevanti, il-miżura ser tippromwovi approċċi nazzjonali integrati bbażati fuq prattiki tajba u l-esperjenza miksuba.

Ser tiġi enfasizzata, kif adatt, l-importanza ta' kooperazzjoni u interazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-IAEA, l-OPCW, il-WHO, il-FAO, l-OIE u l-OSKE. Kull workshop ser jiġi organizzat flimkien ma' ċikli ta' diskussjonijiet tekniċi rilevanti mal-pajjiżi parteċipanti filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali. Id-diskussjonijiet fil-pajjiżi ser jiġu organizzati b'rispons għall-istediniet mill-Istati Membri interessati f'subreġjuni rilevanti.

Kif adatt, ser jiġu esplorati sinerġiji mal-attivitajiet taċ-"Ċentri ta' Eċċellenza" CBRN reġjonali, li qegħdin jiġu stabbiliti attwalment taħt l-Istrument għall-Istabbiltà kif ukoll ma' programmi oħrajn sponsorjati mill-UE f'dan il-qasam.

2.2.3. *Riżultati tal-miżura*

Sforzi nazzjonali mtejba u kapaċitajiet imsaħħa għall-implimentazzjoni ta' verifiki adatti ta' materjal, tagħmir u teknoloġija li jistgħu jintużaw għad-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom; l-identifikazzjoni ta' prattiki effettivi u effiċjenti għaż-żamma ta' kontijiet, iż-żamma taħt sigurtà u l-protezzjoni ta' "materjal relatat"; aktar sigurtà ta' materjal rilevanti fil-livelli nazzjonali u reġjonali; aktar sħubiji reġjonali u internazzjonali f'oqsma rilevanti; u kontribut għall-isforzi biex tiżdied is-sigurtà CBRN globali.

## 2.3. Appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami Komprensiv tal-2009 tal-istat ta' implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004)

2.3.1. *Objettiv tal-miżura*

L-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami Komprensiv tal-2009;

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-importanza tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004).

2.3.2. *Deskrizzjoni tal-miżura*

L-UNSCR 1977(2011) u d-Dokument Finali tar-Rieżami Komprensiv tal-2009 jipprevedu għadd ta' attivitajiet speċifiċi fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti prinċipali tal-UNSCR 1540 (2004). Il-miżura tinkludi proġetti speċifiċi b'appoġġ għal tali attivitajiet inkluż permezz tal-isponsorjar ta' laqgħat/avvenimenti, taħriġ u sforzi ta' relazzjonijiet pubbliċi. Soġġetti, kif adatt, għad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat 1540, il-proġetti jinkludu:

— l-organizzazzjoni mill-UNODA ta' avvenimenti li jlaqqgħu lil dawk li joffru u jfittxu assistenza u laqgħat ta' sħab attwali u prospettivi (Stati, organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali);

— laqgħat organizzati mill-UNODA b'appoġġ għal sforzi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-Kumitat 1540 ma' mekkaniżmi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħrajn;

— l-organizzazzjoni u l-isponsorjar mill-UNODA ta' workshop tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, tad-dinja akkademika u l-industrija;

— l-isponsorjar mill-UNODA tal-parteċipazzjoni ta' uffiċjali nazzjonali f'korsijiet ta' taħriġ u attivitajiet oħrajn ta' bini ta' kapaċità;

— l-isponsorjar ta' ġurnal elettroniku dwar kwistjonjiet ta' implimentazzjoni rigward l-UNSCR 1540 (2004).

Kif adatt, ser jiġu esplorati sinerġiji mal-attivitajiet taċ-"Ċentri ta' Eċċellenza" CBRN reġjonali, li qegħdin jiġu stabbiliti attwalment taħt l-Istrument għall-Istabbiltà kif ukoll ma' programmi oħrajn sponsorjati mill-UE f'dan il-qasam.

2.3.3. *Riżultati tal-miżura*

L-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi maqbula fir-Rieżami Komprensiv tal-2009; aktar mezzi varji għall-faċilitazzjoni tal-assistenza teknika; il-forniment ta' taħriġ iffukat fuq l-UNSCR 1540 (2004) lill-uffiċjali nazzjonali; involviment akbar tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika u l-industrija fl-isforzi ta' implimentazzjoni internazzjonali, reġjonali u nazzjonali tal-UNSCR 1540 (2004); sensibilizzazzjoni tal-pubbliku msaħħa rigward l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCR 1540 (2004).

## 3. SĦAB FIL-MIŻURI

— Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Kumitat 1540 tiegħu;

— Il-gvernijiet parteċipanti mis-subreġjuni rispettivi;

— Il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet li joffru assistenza;

— In-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali rilevanti;

— L-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-entitajiet tas-soċjetà ċivili.

## 4. BENEFIĊJARJI TAL-MIŻURI

— L-Istati Membri, l-uffiċjali tal-gvern;

— Il-Kumitat 1540 u entitajiet oħrajn tan-NU;

— L-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali;

— Il-gvernijiet u organizzazzjonijiet li jipprovdu u jirċievu assistenza teknika taħt l-UNSCR 1540 (2004);

— Is-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika u l-industriji rilevanti.

## 5. POST

L-UNODA ser tagħżel postijiet potenzjali għal-laqgħat, il-workshops u avvenimenti oħrajn. Il-kriterji użati għall-għażla tal-postijiet ser jinkludu r-rieda u l-impenn ta' Stat rilevanti f'reġjun partikolari li jospita l-avveniment. Il-postijiet speċifiċi ta' żjarat fil-pajjiż jew attivitajiet speċifiċi għall-pajjiż ser jiddependu fuq l-istediniet minn Stati Membri interessati u, kif adatt, fuq deċiżjonijiet tal-Kumitat 1540.

## 6. TUL TA' ŻMIEN

It-tul ta' żmien totali ppjanat tal-proġett huwa ta' 24 xahar.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Lulju 2013

## li tistabbilixxi d-data tal-effettività tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra

(2013/392/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI tipprevedi li hija għandha ssir effettiva minn data li għandha tiġi determinata mill-Kunsill ladarba l-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Kunsill li r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) [2] ikun daħal fis-seħħ u hu applikabbli interament.

(2) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni għarrfet lill-Kunsill li r-Regolament (KE) Nru 767/2008 daħal fis-seħħ u huwa interament applikabbli mis-27 ta' Settembru 2011.

(3) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [3], li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim [4].

(4) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimetazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [5] ta' Schengen li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt H tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE [6].

(5) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [7] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt H tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE [8].

(6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [9]. Għalhekk ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

---

(1) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.
(2) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.
(3) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
(4) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
(5) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
(6) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
(7) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
(8) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.
(9) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

(8) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002, rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([1]). Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(9) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-pożizzjoni tal-Istati Membri li fir-rigward tagħhom għadu ma daħalx fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 767/2008. B'mod partikolari, hija ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI għandha ssir effettiva mill-1 ta' Settembru 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/393/PESK

## tat-22 ta' Lulju 2013

## li temenda d-Deċiżjoni 2013/382/PESK li testendi l-mandat tar- Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/168/PESK [1] li taħtar lis-Sur Vygaudas UŠACKAS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fl- Afganistan.

(2) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/382/PESK [2] li testendi l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Ġunju 2014.

(3) Għandu jinħatar RSUE ġdid fl-Afganistan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/382/PESK għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2013/382/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

1. Il-mandat tas-Sur Vygaudas UŠACKAS bħala r-RSUE fl-Afganistan huwa b'dan estiż sal- 31 ta' Awwissu 2013.

2. Is-Sur Franz-Michael SKJOLD MELLBIN huwa b'dan maħtur bħala r-RSUE fl-Afganistan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.

3. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ)."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

(1) ĠU L 75, 23.3.2010, p. 22.
(2) ĠU L 193, 16.7.2013, p. 22.

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2013 TAL-KUMITAT TAL-ISTATISKA TAL-UNJONI EWROPEA U L-ISVIZZERA

**tat-12 ta' Ġunju 2013**

**li tissostitwixxi l-Anness A tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika**

(2013/394/UE)

IL-KUMITAT TAL-ISTATISTIKA TAL-UNJONI EWROPEA U L-ISVIZZERA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika ([1]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 u jinkludi fih l-Anness A dwar l-atti legali fil-qasam tal-istatistika.

(2) Ġew adottati atti legali ġodda fil-qasam tal-istatistika u dawn għandhom jiġu miżjuda mal-Anness A. B'konsegwenza, l-Anness A għandu jiġi rivedut,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness A tal-Ftehim qed jiġi sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Ġinevra, it-12 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt*

| | |
|---|---|
| *Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE* | *Il-Kap tad-Delegazzjoni Svizzera* |
| W. RADERMACHER | F. BAUMGARTNER |

([1]) ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2.

*ANNESS*

*"ANNESS A*

**ATTI LEGALI FIL-QASAM TAL-ISTATISTIKA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2**

**ADATTAMENT SETTORALI**

1. Bis-saħħa tat-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tissostitwixxi u tkun is-suċċessur tal-Komunità Ewropea;

2. It-terminu 'Stat Membru(i)' li jinsab fl-atti li għalihom hemm referenza f'dan l-Anness għandu jittieħed li jinkludi l-Isvizzera, b'żieda mat-tifsira tiegħu fl-atti relevanti tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kumitat tal-Programm Statistiku (KPS) imsemmi fl-Artikolu 3(2) ta' dan il-Ftehim ġie sostitwit permezz tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (il-Kumitat tas-SES) stabbilit permezz tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika Ewropea, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

4. Il-programm tal-istatistika tal-Komunità imsemmi fl-Artikolu 5(1) u (2), u fl-Artikolu 8(1) ta' dan il-Ftehim ġie sostitwit mill-programm tal-istatistika Ewropea stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

5. Il-Kumitat Konġunt jinnota li r-regoli dwar il-ġestjoni tal-istatistika mill-Isvizzera kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) ta' dan il-Ftehim huma issa stipulati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009, mingħajr ħsara għar-regoli iktar speċifiċi msemmija f'dan l-Anness.

6. Ir-referenzi għan-'Nomenklatura tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE Rev. 1)' għandhom, ħlief meta stipulat mod ieħor, jinqraw bħala referenzi għan-'Nomenklatura tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunitajiet Ewropej (NACE Rev. 2)', kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassfikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika ([2]). In-numri tal-kodiċi msemmija għandhom jinqraw bħala n-numri tal-kodiċi konvertiti korrispondenti man-NACE Rev. 2.

7. Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu min għandu jħallas l-ispejjeż għat-twettiq ta' sondaġġi u affarijiet simili ma għandhomx japplikaw għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

**ATTI MSEMMIJA**

L-ISTATISTIKA DWAR IN-NEGOZJU

— 32008 R 0295: Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13), kif ġie emendat permezz ta':

  — 32009 R 0251: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170).

  Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

  (a) L-Isvizzera ma għandhiex tkun marbuta bit-tqassim reġjonali tad-dejta kif mitlub f'dan ir-Regolament;

  (b) L-Isvizzera hi eżentata milli tipprovdi dejta tal-NACE REV 2 fil-livell ta' 4 figuri;

  (c) L-Isvizzera hi eżentata milli tipprovdi dejta kif mitlub b'dan ir-Regolament dwar ix-xorta ta' unitajiet tal-attività;

  (d) Għall-Anness IX, l-elementi varjabbli 11910, 11930, 16910, 16911, 16930 u 16931, l-Isvizzera għandha tipprovdi dejta li jkollha l-2011 bħala s-sena ta' referenza;

  (e) Skont l-Anness VII, l-Isvizzera hija eżentata milli tipprovdi d-dejta 'Tqassim Ġeografiku' għas-Serje 7E.

([1]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
([2]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

— 32009 R 0250: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karatteristiċi, il-format tekniku għat-trasmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tal-irrappurtar doppju għan-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev. 2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji, (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1).

— 32009 R 0251: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 251/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati mal-attività (CPA), ĠU L 86, 31.3.2009, p. 170.

— 32010 R 0275: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2010 tat-30 ta' Marzu 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-istatistiċi strutturali kummerċjali (ĠU L 86, 1.4.2010, p. 1).

— 31998 R 1165: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir (ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1). kif emendat permezz ta':

  — 32005 R 1158: Ir-Regolament (KE) Nru 1158/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 1).

  — 32006 R 1503: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 (ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15), kif emendat permezz ta':

    — 32008 R 1178: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1178/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 16);

  — 32009 R 0329: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 329/2009 tat-22 ta' April 2009 (ĠU L 103, 23.4.2009, p. 3);

  — 32012 R 0461: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2012 tal-31 ta' Mejju 2012 (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 26).

  Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

  (a) L-Isvizzera hi eżentata milli tipprovdi dejta tal-NACE REV 2 fil-livell ta' 4 figuri;

  (b) L-Isvizzera hi eżentata milli tipprovdi d-dejta għall-varjabbli 220 u 230 sal-2015.

— 32001 R 0586: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001 tas-26 ta' Marzu 2001 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni ta' Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs) (ĠU L 86, 27.3.2001, p. 11), kif ġie emendat permezz ta':

  — 32007 R 0656: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 656/2007 tal-14 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 3).

— 32006 R 1503: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-dejta (ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15), kif ġie emendat permezz ta':

  — 32008 R 1178: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1178/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 16).

  — 32012 R 0461: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2012 tal-31 ta' Mejju 2012 (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 26).

— 32008 R 0472: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 472/2008 tad-29 ta' Mejju 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tal-ewwel sena bażi li għandha tiġi applikata għas-serje ta' perjodi fin-NACE Rev. 2 u, għas-serje ta' perjodi qabel l-2009 li għandha tiġi trażmessa skont in-NACE Rev. 2, il-livell ta' dettall, il-forma, l-ewwel perjodu ta' referenza, u l-perjodu ta' referenza (ĠU L 140, 30.5.2008, p. 5).

— 32009 R 0596: Ir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jadatta ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju — Ir-Raba' Parti (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 14).

  Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

  L-Isvizzera hi eżentata milli tipprovdi d-dejta għall-varjabbli 220 u 230 sal-2015.

— 32008 R 0177: Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 (ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6).

— 32009 R 0192: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 192/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri (ĠU L 67, 12.3.2009, p. 14).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Isvizzera hi eżentata milli titrażmetti dejta individwali dwar id-dħul għall-intrapriżi deskritta fid-dejta tad-Dħul tal-Anness A sal-aħħar tal-2013.

— 32010 R 1097: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1097/2010 tas-26 ta' Novembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika fir-rigward tal-iskambju ta' dejta kunfidenzjali bejn il-Kummissjoni (Eurostat) u l-banek ċentrali (ĠU L 312, 27.11.2010, p. 1).

— 32009 D 0252: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/252/KE tal-11 ta' Marzu 2009 li tikkonċerna derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozju għal finijiet statistiċi (ĠU L 75, 21.3.2009, p. 11).

STATISTIKA DWAR IT-TRASPORT U T-TURIŻMU

— 32012 R 0070: Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1).

— 32001 R 2163: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2163/2001 tas-7 ta' Novembru 2001 rigward l-arranġamenti tekniċi għat-trasmissjoni tad-dejta għal statistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 291, 8.11.2001, p. 13), kif emendat permezz ta':

  — 32007 R 0973: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2007 tal-20 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 10).

— 32003 R 0006: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2003 tat-30 ta' Diċembru 2002 dwar it-tixrid tal-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 45).

  — 32010 R 0202: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 202/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 (ĠU L 61, 11.3.2010, p. 24).

— 32004 R 0642: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 642/2004 tas-6 ta' April 2004 dwar ħtiġiet ta' preċiżjoni għall-ġbir ta' dejta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 għad-denunzji ta' statistika fir-rigward ta' ġarr ta' oġġetti fuq l-art (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 26).

— 32007 R 0833: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 833/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 li jtemm il-perjodu tranżitorju stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 185, 17.7.2007, p. 9).

— 31993 D 0704: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE tat-30 ta' Novembru 1993 dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 63).

— 32003 R 0091: Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1), kif emendat permezz ta':

  — 32003 R 1192: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2003 tat-3 ta' Lulju 2003 (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 13);

  — 32007 R 1304: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007 tas-7 ta' Novembru 2007 (ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14).

— 32007 R 0332: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 332/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar l-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni tal-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 16).

— 32003 R 0437: Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru (ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1), kif emendat permezz ta':

  — 32003 R 1358: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 (ĠU L 194, 1.8.2003, p. 9);

— 32005 R 0546: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2005 tat-8 ta' April 2005 (ĠU L 91, 9.4.2005, p. 5).

— 32003 R 1358: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru u li jemenda l-Anness I u II tiegħu (ĠU L 194, 1.8.2003, p. 9), kif ġie emendat permezz ta':

— 32005 R 0546: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2005 tat-8 ta' April 2005 (ĠU L 91, 9.4.2005, p. 5);

— 32006 R 1792: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1);

— 32007 R 0158: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 158/2007 tas-16 ta' Frar 2007 (ĠU L 49, 17.2.2007, p. 9).

— 32011 R 0692: Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Isvizzera għandha titrażmetti d-dejta elenkata fl-Anness I, it-Taqsimiet 1 u 2, l-Intestatura A, dwar it-tip ta' akkomodazzjoni NACE 55.2 mill-2016 (is-sena ta' referenza) 'il quddiem;

(b) L-Isvizzera għandha titrażmetti d-dejta elenkata fl-Anness I, it-Taqsima 2, l-Intestatura B, dwar it-tip ta' akkomodazzjoni NACE 55.2 għall-perjodi ta' referenza kollha fi żmien erba' (4) xhur wara tmiem il-perjodu ta' referenza, mill-2016 (is-sena ta' referenza) 'il quddiem;

(c) L-Isvizzera għandha titrażmetti d-dejta elenkata fl-Anness I, it-Taqsima 2, l-Intestatura B, dwar it-tip ta' akkomodazzjoni NACE 55.3 għall-perjodi ta' referenza kollha fi żmien erba' (4) xhur wara tmiem is-sena ta' referenza;

(d) L-Isvizzera għandha titrażmetti d-dejta elenkata fl-Anness II fi żmien 12-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' referenza, flimkien ma' rapport dwar il-kwalità tad-dejta.

— 32011 R 1051: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-dejta (ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13).

STATISTIKA DWAR IL-KUMMERĊ BARRANI

— 32006 R 1833: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistiċi tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19).

— 32009 R 0471: Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

(a) Id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-iskema tad-dwana Żdoganar Ċentralizzat mhumiex rilevanti;

(b) Artikolu 2 Definizzjonijiet: It-territorju statistiku għandu jkun fih it-territorju doganali minbarra l-imħażen tad-dwana u l-imħażen ħielsa mid-dazju;

L-Isvizzera ma għandhiex tkun marbuta li tiġbor statistika tal-kummerċ bejn l-Isvizzera u l-Liechtenstein;

(c) Artikolu 5(1) Dejta statistika: Id-dejta statistika msemmija fl-Artikolu 5(1)(e) għandha tinġabar għall-ewwel darba sal-1 ta' Jannar 2016:

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1)(f) u (k) ma għandhomx japplikaw;

Il-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(h) għandha ssir mill-inqas sal-ewwel sitt figuri;

Għall-Isvizzera, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1)(m)(ii) u (iii) ma għandhomx japplikaw;

(d) Artikolu 6 Kumpilazzjoni ta' statistika dwar il-kummerċ estern: Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ma għandhomx japplikaw għal dejta statistika fejn l-Isvizzera hija eżentata milli tiġbor skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tiegħu;

(e) Artikolu 7 Skambju tad-dejta: Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) ma għandhomx japplikaw.

— 32010 R 0092: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 92/2010 tat-2 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward ta' skambju ta' dejta bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, il-kompilazzjoni tal-istatistika u l-valutazzjoni tal-kwalità (ĠU L 31, 3.2.2010, p. 4).

— 32010 R 0113: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-dejta, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u movimenti oġġetti speċifiċi (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

(a) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 4(2):

'Għall-Isvizzera, il-'valur tad-dwana' għandu jiġi definit fi ħdan ir-regoli nazzjonali rispettivi.';

(b) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 7(2):

'Għall-Isvizzera il-"pajjiż tal-oriġini" għandu jitqies bħala l-pajjiż li minnu jkunu oriġinaw il-prodotti skont it-tifsira tar-regoli nazzjonali rispettivi tal-oriġini.';

(c) Ir-referenza għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fl-Artikolu 15(4) mhijiex applikabbli.

PRINĊIPJI STATISTIĊI U KUNFIDENZJALITÀ

— 32008 D 0234: Id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċizjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13).

— 32008 D 0235: Id-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17).

— 32009 R 0223: Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

— 32002 R 0831: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, rigward fakoltà ta' użu ta' dejta kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7), kif emendat bi:

— 32006 R 1104: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1104/2006 tat-18 ta' Lulju 2006 (ĠU L 197, 19.7.2006, p. 3);

— 32007 R 1000: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1000/2007 tad-29 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 226, 30.8.2007, p. 7);

— 32008 R 0606: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2008 tas-26 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 166, 27.6.2008, p. 16);

— 32010 R 0520: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2010 tas-16 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 151, 17.6.2010, p. 14).

— 32004 D 0452: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE tad-29 ta' April 2004 (ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1) li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għad-data kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi, kif emendata permezz ta':

— 32005 D 0412: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/412/KE tal-25 ta' Mejju 2005 (ĠU L 140, 3.6.2005, p. 11);

— 32005 D 0746: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/746/KE tal-20 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 280, 25.10.2005, p. 16);

